

Brussell, 24 ta' April 2025
(OR. en)

8235/25
ADD 2

JAI 491
SCHENGEN 22
SCH-EVAL 25
FRONT 95
IXIM 79
MIGR 145
ASILE 34
ENFOPOL 121
COMIX 121
CORDROGUE 45
VISA 60
CH
IS
NO
LI

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	23 ta' April 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 185 final
Suġġett:	ANNESS tal- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Rapport dwar l-Istat ta' Schengen 2025

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 185 final.

Mehmuż: COM(2025) 185 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.4.2025
COM(2025) 185 final

ANNEX 2

ANNEX

tal-

**Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat
Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni**

Rapport dwar l-Istat ta' Schengen 2025

ANNEX 2

Kompendju tal-aħjar Prattiki Identifikati fil-Qafas tal-Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni u Monitoraġġ ta' Schengen

Il-funzjonament tajjeb taż-żona Schengen jiddependi fuq l-applikazzjoni effettiva u effiċjenti tar-regoli ta' Schengen mill-Istati Membri. Il-Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni u Monitoraġġ ta' Schengen huwa salvagwardja ewlenija biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni adegwata tal-acquis ta' Schengen, li jippermetti mhux biss l-identifikazzjoni f'waqtha tal-vulnerabbiltajiet, iżda jippermetti wkoll l-identifikazzjoni tal-aħjar Prattiki u Soluzzjonijiet Innovattivi Stabbiliti mill-Istati Membri.

Il-kompendju tal-aħjar Prattiki li jakkumpanjaw ir-Rapport tal-2025 dwar l-Istat ta' Schengen wasal fit-tielet edizzjoni tiegħu minn mindu daħal fis-seħħ ir-Regolament il-ġdid dwar il-Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni u Monitoraġġ ta' Schengen. Bħala dokument ħaj, dan jinkludi kemm l-aħjar Prattiki Identifikati fl-iterazzjoni Preċedenti tal-kompendju, kif ukoll miżuri ġodda u innovattivi identifikati fl-evalwazzjonijiet li saru fl-2024, li jtejbu b'mod sinifikanti l-implimentazzjoni ta' regoli komuni u li jistgħu jitqiegħdu fil-prattika minn Stati Membri oħra.

Il-kompendju tal-aħjar Prattiki jgħorri flimkien firxa wiesgħa tal-aħjar Prattiki li jkopru diversi aspetti tal-acquis ta' Schengen, inklużi l-governanza nazzjonali ta' Schengen, il-ġestjoni tal-fruntieri esterni, il-politika dwar il-viżi, ir-ritorni, kif ukoll miżuri fiż-żona Schengen, bħall-fruntieri interni u s-sigurtà interna. L-għan huwa li jiġi pprovdut għarfien dwar strateġiji, għodod u miżuri innovattivi li jistgħu jappoġġaw lill-awtoritajiet tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jiffaċilitaw il-kondiviżjoni tal-għarfien bejn il-pari. Għandu jitravwem aktar skambju ta' għarfien u esperjenza fi ħdan il-korpi rilevanti tal-Kunsill biex jissaħħaħ dan l-isforz kollaborattiv. Il-kompendju jservi biex jikkumplementa l-aħjar Prattiki eżistenti deskritti fir-Rakkomandazzjonijiet jew fil-manwali applikabbli tal-Kummissjoni jew tal-Kunsill b'għarfien ġdid.

Dan il-kompendju huwa wieħed ta' spjegazzjoni u ma għandu l-ebda status bħala legalment vinkolanti. Huwa maħsub bħala riżorsa siewja għal dawk li jfasslu l-politika, għall-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi, u għal partijiet ikkonċernati oħra involuti fl-iżgurar tal-funzjonament bla xkiel u effiċjenti taż-żona Schengen iżda wkoll biex jappoġġa soluzzjonijiet possibbli għal azzjonijiet ta' rimedju li jindirizzaw rakkomandazzjonijiet futuri proposti mit-timijiet ta' evalwazzjoni. Huwa parti mir-rapport annwali msemmi fl-Artikolu 25 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/922.

IL-GOVERNANZA NAZZJONALI TA' SCHENGEN

1. Strateġiji nazzjonali

Implimentazzjoni tal-Ġestjoni Integrata Ewropea tal-Fruntieri (EIBM, European Integrated Border Management)

Governanza tal-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri Nazzjonali

- Il-pjan ta' kontinġenza jinkludi proċeduri dettaljati għal varjetà ta' xenarji potenzjali ta' kriżi, jiddefinixxi rwoli u responsabbiltajiet ċari għall-awtoritajiet nazzjonali rilevanti kollha (inklużi l-pulizija, id-dwana, il-forzi armati u s-servizzi tal-immigrazzjoni), kif ukoll il-partijiet ikkonċernati lokali (bħal muniċipalitajiet u organizzazzjonijiet mhux governattivi). Pjanijiet bħal dawn huma kkumplimentati aktar bi proċeduri għat-talba u l-integrazzjoni tal-appoġġ Ewropew. Twettqu diversi testijiet tal-qafas ta' ppjanar ta' kontinġenza li jinvolvu lill-awtoritajiet nazzjonali kollha b'responsabbiltajiet fi kriżijiet. [*Il-Finlandja, 2023*]
- L-istrateġija ta' żvilupp fit-tul u nazzjonali u l-programm governattiv fuq terminu qasir dwar is-sigurtà interna jinkludu prijoritajiet dwar l-implimentazzjoni tal-*acquis* tal-UE u ta' Schengen, kif ukoll l-iżviluppi fil-kooperazzjoni internazzjonali fl-infurzar tal-liġi. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjoni ta' Schengen huma wkoll koperti mill-programm. L-analiżi u r-rappurtar annwali jiżguraw implimentazzjoni u operazzjonalizzazzjoni effiċjenti. Din l-arkitettura strateġika nazzjonali, li tgħaqqad il-prijoritajiet tal-UE mal-istrateġiji nazzjonali tiffaċilita l-implimentazzjoni effiċjenti (il-kisba tar-riżorsi) u l-operazzjonalizzazzjoni tal-*acquis* tal-UE u ta' Schengen b'mod sistematiku. [*Il-Kroazja, 2024*]
- Dokument strateġiku ġenerali jiggwida l-isforzi nazzjonali fl-implimentazzjoni tar-regoli ta' Schengen mill-2021 sal-2027, filwaqt li jallinja mal-istandards Ewropej biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni ta' Schengen. L-awtoritajiet pubbliċi, inklużi diversi dipartimenti ministerjali, għandhom rwoli ewlenin f'dan il-kunċett ta' governanza nazzjonali ta' Schengen. Il-Pjan ta' Implimentazzjoni ta' Schengen 2023 iservi bħala l-għodda ewlenija biex jintlaħqu dawn l-għanijiet f'oqsma differenti tal-qafas ta' Schengen. Il-Ministeru tal-Intern għandu l-kompitu li jivvaluta l-progress, jaġġorna l-kunċett u jirrapporta lill-gvern kull sentejn, juża indikaturi u skedi ta' żmien biex ikejjel is-suċċess u jallinja mal-oġġettivi tal-ġestjoni Ewropea tal-fruntieri taċ-Ċekja. [*Iċ-Ċekja, 2024*]

Mekkaniżmu ta' kontroll tal-kwalità

- Il-Ministeru tal-Intern stabbilixxa mekkaniżmu ta' evalwazzjoni nazzjonali għall-fruntieri esterni, mibni fuq il-mekkaniżmi ta' kontroll tal-kwalità Ewropej u nazzjonali. Dan jiġbor flimkien ir-rakkomandazzjonijiet mill-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen, il-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà tal-Frontex u ż-żjarat ta' evalwazzjoni

nazzjonali. Din tal-aħħar tinkludi evalwazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen/SIRENE u kwistjonijiet ta' kooperazzjoni tal-pulizija. [*L-Awstrija, 2020*]

- Il-ġestjoni tal-fruntieri fil-livell nazzjonali u tal-UE għandha tkun soġġetta b'mod sistematiku għall-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' kontroll tal-kwalità Ewropew li jkopri l-ambitu kollu tal-EIBM. Il-mekkaniżmu nazzjonali permanenti ta' kontroll tal-kwalità jinkludi ġabra ta' evalwaturi nazzjonali, li hija mħarrġa fil-korsijiet tal-evalwaturi ta' Schengen tal-Frontex. [*Evalwazzjoni Tematika tal-istrateġiji nazzjonali tal-IBM, 2020*]

Kooperazzjoni bejn l-aġenziji

- Il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni interaġenzjali mill-qrib u effettivi formalizzati bejn l-awtoritajiet nazzjonali differenti fil-livell ċentrali, reġjonali u lokali huma meqjusa essenzjali għall-funzjonament effettiv tas-sistemi integrati ta' ġestjoni tal-fruntieri. L-unitajiet ta' gwardja tal-fruntiera jintużaw fl-ilmijiet territorjali u fuq l-art tal-pajjiżi terzi kkonċernati, filwaqt li jiġu żgurati viġilanzi konġunti kostanti bil-baħar u bl-ajru abbord bastimenti u ajruplani tal-Istat Membru, appoġġati b'mezzi elettroniċi bħas-sistema integrata ta' sorveljanza esterna (SIVE). [*Evalwazzjoni Tematika tal-istrateġiji nazzjonali tal-IBM, 2020*]
- Il-kondiviżjoni ta' informazzjoni ta' intelligence bejn l-aġenziji permezz tal-istess pjattaforma tikkontribwixxi għall-bini ta' stampa strutturata komuni li ttejjeb il-kwalità tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni u tappoġġa l-partijiet ikkonċernati ewlenin fit-tweqqif tal-missjoni istituzzjonali tagħhom, filwaqt li tevita d-duplikazzjoni tal-isforzi. [*L-Estonja, 2023*]
- Ċellola Investigattiva konġunta stabbilita li tinvolvi awtoritajiet nazzjonali oħra tal-infurzar tal-liġi u ħames Stati Membri oħra tal-UE affettwati mill-fluss tal-migrazzjoni, kif ukoll il-Europol u l-Frontex. Dan ippermetta skambju ta' informazzjoni effettiv u b'veloċità għolja, b'hekk reazzjoni rapida, u miżuri effettivi li għandhom jittieħdu biex jitnaqqas il-fluss tal-migrazzjoni u jitwettqu azzjonijiet kontra l-faċilitaturi. L-intelligence kriminali u l-ġbir u l-konċentrazzjoni ta' informazzjoni b'sors miftuħ f'din iċ-ċellola, il-kontroverifika ta' persuni għamli ċ-ċellola investigattiva konġunta ċentru operazzjonali fil-fruntiera esterna b'appoġġ għall-ġestjoni ġenerali tal-fenomenu. [*Il-Litwanja, 2023*]

2. Kapaċitajiet nazzjonali

Taħriġ

Kooperazzjoni mas-CEPOL

- Il-parteciġazzjoni koordinata u attiva fit-taħriġ Ewropew fl-infurzar tal-liġi hija parti integrali mill-kooperazzjoni bejn l-aġenziji fi ħdan l-istruttura ta' governanza

permanenti tal-Pulizija, tad-Dwana u tal-Gwardja tal-Fruntiera. Il-ħtiġijiet ta' taħriġ jiġu diskussi regolarment mhux biss mill-Kulleġġ Universitarju tal-Pulizija nazzjonali, iżda wkoll f'kooperazzjoni kostanti mal-istituzzjonijiet ta' taħriġ tal-Gwardja tal-Fruntiera u tad-Dwana. Il-parteciġjoni fil-korsijiet tas-CEPOL hija għolja u l-aċċess għall-pjattaforma ta' taħriġ elettroniku tas-CEPOL, LEED, jingħata lil għadd kbir ta' uffiċjali tal-infurzar tal-liġi. It-taħriġ tas-CEPOL huwa inkluż fil-pjanijiet ta' taħriġ annwali nazzjonali tal-Pulizija, tad-Dwana u tal-Gwardja tal-Fruntiera u taħt il-koordinazzjoni tal-Kulleġġ Universitarju tal-Pulizija nazzjonali, il-postijiet ta' taħriġ disponibbli tas-CEPOL huma kondiviżi bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi abbażi tal-ħtiġijiet u l-kompetenzi tagħhom. Barra minn hekk, l-informazzjoni dwar il-possibiltajiet tat-taħriġ tas-CEPOL hija faċilment aċċessibbli fl-intranet tal-pulizija, tad-Dwana u tal-Gwardja tal-Fruntiera. [*Il-Finlandja, 2023*]

Ritorni

- Ftehim ma' kumpanija tal-ajru biex jintużaw inġenji tal-ajru u simulaturi fuq bażi regolari biex iħarrġu l-grupp ta' skorti dwar operazzjonijiet ta' ritorn, mhux biss minn perspettiva operattiva, iżda wkoll biex jiġu simulati sitwazzjonijiet ta' emerġenza li jistgħu jseħħu matul l-operazzjonijiet ta' ritorn bħan-nirien. [*Il-Finlandja, 2023*]

Uffiċċju SIRENE

- L-Uffiċċju SIRENE tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Investigazzjoni ħoloq kors ta' taħriġ nazzjonali online li jiffoka fuq is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen imġedda. Il-kors fih materjal teoretiku u verifiki ta' għarfien. Il-pakkett ta' taħriġ online huwa obligatorju għall-uffiċjali tal-Pulizija, il-Gwardjani tal-Fruntiera u l-uffiċjali tad-Dwana u t-tlestija tal-kors hija mmonitorjata u segwita. [*Il-Finlandja, 2023*]
- L-istabbiliment ta' ċentru ta' taħriġ mill-aktar avanzat fil-bini tal-Uffiċċju SIRENE, li jipprovdi opportunitajiet ta' taħriġ prattiku komprensiv għall-utenti finali kollha tal-Aġenziji nazzjonali kollha tal-Infurzar tal-Liġi. L-attivitajiet edukattivi jinkludu sessjonijiet prattiċi fil-laboratorji tal-kompjuter u d-disponibbiltà ta' pjattaformi ta' taħriġ elettroniku, inkluż l-intranet tal-Pulizija u korsijiet tas-CEPOL, relatati mat-tagħlim mill-bogħod tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen. L-Akkademja tal-Pulizija tikkoopera regolarment mad-dipartimenti rilevanti tal-Pulizija, l-universitajiet lokali u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi biex tiżgura li jiġu inklużi aġġornamenti regolari fil-programm ta' taħriġ, anke fil-qasam tal-kooperazzjoni internazzjonali tal-pulizija u kwistjonijiet ta' Schengen. Sett sħiħ ta' Manwali bl-informazzjoni rilevanti kollha dwar is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, is-Sistema Awtomatizzata ta' Identifikazzjoni tal-Marki tas-Swaba' u kwistjonijiet SIRENE għal kull awtorità nazzjonali kompetenti u s-Servizzi tal-Pulizija huwa disponibbli permezz ta' libreriji elettroniċi fuq l-intranet tal-Pulizija. [*Ċipru, 2023*]
- Is-sistema nazzjonali tal-IT tirreġistra informazzjoni u dokumenti dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għar-ritorn, u b'hekk tagħti stampa sħiħa tas-sitwazzjoni tagħhom. L-Uffiċċju SIRENE huwa inkarigat li jikkonverti direttament fis-sistemi tal-awtoritajiet

tal-Migrazzjoni l-allerti nazzjonali dwar ir-ritorn għal allerti dwar rifjut ta' dħul u ta' soġġorn malli jirċievi l-formoli R-A SIRENE minn Stati Membri oħra dwar allerti nazzjonali. L-istess proċedura tista' titwettag mill-gwardji tal-fruntiera meta l-persuna, soġġetta għal allerti ta' ritorn tinstab fil-ħruġ mit-territorju tal-UE. [*L-Estonja, 2023*]

- **L-Uffiċċju nazzjonali SIRENE implimenta prattika ta' taħriġ eċċellenti dwar suġġetti relatati mas-SIS, billi offra materjali bħal posters, manwali u podcasts biex itejjeb is-sensibilizzazzjoni u l-użu nazzjonali tas-SIS. Il-ħarrieġa huma disponibbli għal sessjonijiet fuq talba u tqassmu l-materjali fost l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti.** [*Iċ-Ċekja, 2024*]

Taħriġ konġunt ma' Stati Membri oħra

- L-Istat Membru laqa' l-kunċett ta' taħriġ konġunt mas-servizzi tal-pulizija tal-pajjiżi ġirien tiegħu bħala mod kif tittejjeb il-kooperazzjoni fiż-żoni tal-fruntiera. Taħriġ konġunt u aġenziji oħra tal-infurzar tal-liġi ma' kontropartijiet barranin jirriżultaw pereżempju mill-ħidma tal-Kumitat għal Kooperazzjoni Bilaterali. Jiġi organizzat ukoll taħriġ konġunt miċ-Ċentru ta' Kooperazzjoni tal-Pulizija u tad-Dwana. [*Il-Ġermanja, 2020; Spanja 2022*]

Protezzjoni tad-data

- Hemm taħriġ żviluppat sew dwar il-protezzjoni tad-data għall-persunal espatrijat f'Uffiċċji Konsolari u taħriġ dwar il-protezzjoni tad-data, li huwa organizzat f'kooperazzjoni mal-Uffiċċjal tal-Protezzjoni tad-Data tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u mal-Awtorità għall-Protezzjoni tad-Data. [*Iċ-Ċekja, 2019*]
- Kunċett ta' taħriġ wiesa' tal-kontrollur tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen Nazzjonali u b'mod partikolari, il-forniment ta' moduli ta' taġħlim elettroniku u l-istrateġija komprensiva ta' taħriġ għall-membri l-ġodda tal-persunal. [*In-Netherlands, 2021*]
- It-taħriġ komprensiv dwar ir-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen organizzat mill-Uffiċċjal tal-Protezzjoni tad-Data u pprovdut għall-membri tal-persunal u l-utenti finali tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u tas-SIRENE, speċjalment fir-rigward tal-isforzi ta' sensibilizzazzjoni. [*L-Italja, 2021*]
- It-taħriġ tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u s-sensibilizzazzjoni tal-persunal dwar ir-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data fir-rigward tal-proċedura tal-ħruġ tal-viżi u s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, inkluż l-involvement attiv tal-Uffiċċju tal-UPD, għall-utenti finali, b'mod partikolari għall-persunal konsolari qabel l-istazzjonar f'ambaxxati/konsulati. [*Il-Greċja, 2021*]
- **L-Uffiċċjal tal-Protezzjoni tad-Data tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin jipprovdi manwal dwar l-ipproċessar u l-protezzjoni tad-data personali lill-utenti finali**

kollha tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża. Il-gwida hija konċiża u mhix diffiċli biex tintuża. [*Iċ-Ċekja, 2024*]

- Taħriġ tal-persunal dwar il-protezzjoni tad-data f'sistemi tal-IT fuq skala kbira permezz ta' sessjonijiet regolari online u wiċċ imb wiċċ, inklużi korsijiet taż taħriġ lil min iħarreġ biex jiġi mmassimizzat l-ilħuq u l-promozzjoni ta' kultura ta' protezzjoni tad-data. L-Uffiċjali tal-Protezzjoni tad-Data tal-awtoritajiet differenti għandhom rwol ewlieni fl-organizzazzjoni u t-twettiq ta' dan it-taħriġ. [*Il-Polonja, 2024*]

Taħriġ online

- Taħriġ regolari stabbilit fil-punti kollha ta' qsim tal-fruntiera, li jiżgura li l-gwardji tal-fruntiera jkunu qed jitgħallmu b'mod kostanti u jkollhom għarfien aġġornat tal-proċeduri ta' verifika fuq il-fruntiera. It-taħriġ online li huwa stabbilit jikkonsisti f'testijiet ta' kuljum li l-gwardji tal-fruntiera jridu jagħmlu matul xogħolhom. Hemm ġabra ta' 200 mistoqsija b'għażla multipla li minnhom 10 kuljum jiġu attribwiti b'mod aleatorju lill-gwardji tal-fruntiera fuq xogħol. Il-mistoqsijiet ikopru wkoll il-bażijiet legali, il-mod kif għandu jintuża t-tagħmir u l-protezzjoni tad-data. Il-mexxej tax-xift jiċċekkja r-riżultati u abbażi tal-lakuni identifikati fl-għarfien tal-gwardji tal-fruntiera ta' ċerti suġġetti, jiġi organizzat taħriġ immirat kull xahar dwar dawk is-suġġetti. [*L-Ungerija, 2024*]

Drittijiet fundamentali

- L-awtoritajiet nazzjonali għandhom għodod online ta' aġġornament tal-għarfien għall-gwardji tal-fruntiera b'korsijiet kemm obligatorji kif ukoll fakultattivi. Biex tikkomplimenta dawn il-pjattaformi, tiġi żviluppata u użata pjattaforma online għat-taħriġ ta' aġġornament, iffukata biss fuq id-drittijiet fundamentali fil-kontroll tal-fruntieri u r-ritorn. Il-pjattaforma hija bbażata fuq il-manwal tal-kors tal-Frontex tal-2019 għall-ħarrieġa dwar id-drittijiet fundamentali u hija disponibbli għall-pubbliku, strutturata tajjeb u mhux diffiċli biex tintuża, li tgħaqqad l-istandards u s-salvagwardji tad-drittijiet fundamentali max-xenarji ta' kontroll tal-fruntieri. [*Il-Kroazja, 2024*]

Tagħmir

Apparati mobbli

- Intużaw apparati mobbli biex jipprovdu lill-uffiċjali tal-għassa aċċess għal bażijiet ta' data rilevanti permezz ta' applikazzjoni mobbli. L-apparati mobbli, li huma kemm faċli biex jintużaw mill-utent kif ukoll ta' qawwa, jistgħu jaqraw il-pjanċi tar-reġistrazzjoni tal-vetturi kif ukoll il-parti li tinqara mill-magna (MRZ, Machine-Readable Zone) tad-dokumenti tal-identità. Huma mgħammra wkoll b'kapaċitajiet ta' rikonossiment tal-

wiċċ (i.e. jibagħtu ritratti għal finijiet ta' rikonoxximent tal-wiċċ lil bażi tad-*data* ċentrali). [*L-Ungerija, 2019*]

- L-uffiċjali tal-pulizija kollha bil-profil rilevanti ġew mġammra bi smartphones b'aċċess dirett għal bażijiet tad-*data* (inter)nazzjonali u b'applikazzjoni ta' komunikazzjoni sigura. Il-forzi tal-pulizija nazzjonali jużaw soluzzjoni mobbli għax-xogħol barra mill-uffiċċju. Permezz ta' apparat mobbli (tablets, smartphones u laptops), kull uffiċjal tal-pulizija operazzjonali jista' jfittex f'bażijiet tad-*data* (inter)nazzjonali (bħad-dokumenti tal-identità, il-pjanċi tar-reġistrazzjoni u l-bijometrika). Oġġetti, bħall-pjanċi tar-reġistrazzjoni, li jiġu skennjati bl-ismarphone, jiġu vverifikati minnufih mal-baży tad-*data* ċentrali. [*In-Netherlands, 2021*]

Dokumenti biex jiġu ċċekkjati l-kundizzjonijiet tad-dħul

- **Il-gwardji tal-fruntiera fl-ewwel linja fl-ajruport internazzjonali għandhom id-disponibbiltà li jużaw formola li jkun fiha l-mistoqsijiet meħtieġa biex jistabbilixxu l-issodisfar tal-biċċa l-kbira tal-kundizzjonijiet tad-dħul stabbiliti fl-Artikolu 6(1) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen. Il-formola tiffaċilita l-verifika tal-kundizzjonijiet tad-dħul għal ċittadini ta' pajjiżi terzi, ittejjeb il-komunikazzjoni bejn l-uffiċjali tal-pulizija tal-fruntieri u l-vjaġġaturi u tegħleb l-ostakli lingwistiċi potenzjali. Il-formola hija disponibbli fi 28 lingwa li jikkorrispondu għat-traffiku internazzjonali fl-ajruport bħaċ-Ċiniż, il-Korean, ir-Russu, l-Ukrajna u l-Albaniż, u tintuża biex tiffaċilita l-kontroll tal-kundizzjonijiet tad-dħul meta jkun hemm ostaklu għall-komunikazzjoni bejn il-passiġġieri u l-gwardji tal-fruntiera. Il-formola tista' timtela malajr miċ-ċittadin ta' pajjiż terz u ma taffettwax il-ħinijiet ta' stennija fil-fruntieri. [*L-Ungerija, 2024*]**

3. Sistemi tal-IT fuq skala kbira

Applikazzjonijiet nazzjonali

Allerti u mistoqsijiet

- Jekk l-Uffiċċju SIRENE joħloq, jaġġorna jew iħassar allert bl-użu tal-applikazzjoni nazzjonali, l-awtorità emittenti/rikjedenti tiġi nnotifikata awtomatikament bl-użu ta' notifika awtomatika bil-posta elettronika. Dan jissimplifika l-proċedura, inaqqas l-ammont ta' xogħol u jtejjeb l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet differenti involuti. [*L-Ungerija, 2019*]
- L-Istat Membru jirċievi data dwar il-passiġġieri mit-titjiriet kollha li ġejjin minn pajjiżi terzi, it-Targeting Centre Borders jikkompilawha u d-data tiġi pproċessata awtomatikament permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni bil-Quddiem dwar il-Passiġġieri (API, Advance Passenger Information). Is-Sistema tal-API tikkonsisti f'bażijiet ta' data nazzjonali, "listi ta' sorveljanza", profili bbażati fuq l-analiżi tar-riskju, is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u l-baży tad-*data* dwar Dokumenti tal-Ivvjaġġar Misruqin u Mitlufin (SLTD, Stolen and Lost Travel Documents). F'każ ta'

konkordanza, l-operaturi għandhom aċċess għal diversi bażijiet tad-*data* u jużaw l-applikazzjoni nazzjonali biex jivverifikaw il-konkordanza u jiksbu aktar informazzjoni dwar l-allert (ritratti, marki tas-swaba', aktar dettalji dwar "l-azzjoni li għandha tittieħed", eċċ.). Ir-riżultat ta' hit juri identifikaturi, "ir-raġuni għat-talba" u "azzjoni li għandha tittieħed". Id-*data* u d-dettalji tat-titjira tal-persuna suspettata jintbagħtu lill-ajruport jew lill-port tal-baħar rilevanti li huwa responsabbli għall-qbid tal-persuna suspettata. [*In-Netherlands, 2021*]

- Minbarra s-sidien tal-armi tan-nar, l-armi tan-nar importati kollha jridu jiġu rreġistrati wkoll mill-importaturi u n-negozjanti fir-reġistru tal-pulizija bl-istess mistoqsijiet awtomatizzati li jsiru. Minn Awwissu 2022, sar obligatorju li jittellgħu ritratti tal-armi tan-nar li jindikaw il-marki u n-numri tas-serje kollha disponibbli. Dan jiżgura li r-ritratti jkunu disponibbli biex jiġu meħmuża ma' allerti jekk tkun qed tiddaħħal arma fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen. [*Il-Litwanja, 2023*]
- **Proċess ta' ħolqien ta' twissija li mhux diffiċli li jintuża b'awtomatizzazzjoni għolja għal twissijiet nazzjonali dwar ċittadini (nazzjonali). Dan jinvolvi l-importazzjoni awtomatika ta' data tar-reġistru nazzjonali, inklużi ritratti. Din id-data tiġi ttrasferita direttament lill-allerti tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen meta jinħolqu.** [*Il-Kroazja, 2024*]
- **L-Awtorità Doganali nazzjonali għandha sistema ta' tfittxija awtomatizzata biex tivverifika d-dikjarazzjonijiet doganali tal-vetturi mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen bl-użu tan-numri VIN.** [*Il-Kroazja, 2024*]
- **Aġġornamenti proattivi ta' allerti maħluqa preċedentement dwar persuni bid-deskrizzjoni tal-ID/tad-dokument tagħhom iżidu l-probabbiltà li jinstab allert b'suċċess matul it-tfittxijiet.** [*Il-Kroazja, 2024*]

Rapportar ta' hits

- Hemm diversi prattiki fis-seħħ biex tiġi żgurata n-notifika awtomatika ta' hit lill-Uffiċċju SIRENE. B'mod partikolari:
 - Il-wiri ta' informazzjoni fuq l-iskrinijiet tal-uffiċjal tat-tieni linja fuq hit hekk kif tiġi rreġistrata fl-ewwel linja. Il-gwardji tal-fruntiera fl-Uffiċċju SIRENE jirċievu wkoll informazzjoni dwar il-hits permezz tal-applikazzjoni tal-gwardja tal-fruntiera. [*Il-Polonja, 2015*]
 - Meta l-Aġenzija Nazzjonali tal-Vetturi tat-Triq tikseb hit, l-Uffiċċju SIRENE jirċievi notifika awtomatika bil-posta elettronika. Dan jippermetti lill-operatur tas-SIRENE jivverifika l-hit u jikkuntatta lill-Aġenzija f'każ li din tal-aħħar ma tkunx haċet l-inizjattiva. [*Il-Lussemburgu, 2016*]
 - L-applikazzjoni fuq il-fruntiera għandha funzjonalità diretta ta' "chat" mal-ġestur tal-każ fl-Uffiċċju SIRENE, li tippermetti kuntatt dirett immedjat mal-Uffiċċju SIRENE jekk tintbagħat formola tar-rapportar tal-hits interna. [*Il-Kroazja, 2018*]
- Fl-ajruport, il-gwardji tal-fruntiera stabbilew proċedura ta' segwitu effettiva għal hits dwar allerti ta' verifiki diskreti bil-kooperazzjoni tal-uffiċjali doganali. Meta l-gwardji

tal-fruntiera jinnotaw li passiġġier ikun soġġett għal talba għal verifika diskreta fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, huma jindikaw dan b'mod diskret lill-uffiċjali doganali. [*Franza, 2021*]

- L-applikazzjoni nazzjonali tipprovdi l-formola tar-rapportar tal-hits tal-allert tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għall-utenti finali, b'mudell mimli minn qabel li jikseb id-*data* kollha disponibbli mill-allert. L-utenti finali jimlew l-oqsma rilevanti tal-hit u jibagħtuh direttament lill-Uffiċċju SIRENE, messaġġ elettroniku riċevut jinkludi l-format HTML, li jista' jiġi kkonvertit direttament f'formola SIRENE. Mistoqsijiet ta' kontroll ta' investigazzjoni huma mimlija minn qabel fil-formola ta' rapportar tal-hits. Dan jiżgura livell tajjeb ħafna ta' kwalità tad-*data* u rapportar tal-hits f'ħin reali. [*Il-Litwanja, 2023*]
- Proċedura effettiva biex jiġi rrapportat li persuna li hija soġġetta għal deċiżjoni ta' ritorn u allert ta' ritorn tkun telqet miż-żona Schengen. F'każijiet bħal dawn, l-awtorità tal-gwardja tal-fruntiera li kellha l-hit tirreġistra t-tluq direttament fl-applikazzjoni użata mis-Servizz tal-Migrazzjoni. L-Uffiċċju SIRENE jħassar l-allert ta' ritorn u jintroduċi l-allert ta' rifjut ta' dħul barra mill-ħinijiet tal-uffiċċju meta l-informazzjoni tat-tluq tasal minn Stat Membru ieħor ta' Schengen jew mill-Ambaxxati jew Konsulati nazzjonali. F'każijiet ta' ritorn furzat, l-unitajiet tal-pulizija lokali li wettqu r-ritorn furzat jirreġistraw ukoll direttament fis-sistema. Tali proċedura tiżgura ġestjoni effettiva tal-politika ta' ritorn fil-livell nazzjonali u tiżgura wkoll li l-allert ta' rifjut ta' dħul jiġi introdott fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen mingħajr dewmien meta d-deċiżjoni ta' ritorn tkun akkumpanjata minn projbizzjoni fuq id-dħul. [*Il-Finlandja, 2023*]
- **Komunikazzjoni ta' hit li tkun awtomatizzata u li tkun tista' tintuża faċilment bejn l-ewwel u t-tieni linja f'ċerti punti ta' qsim tal-fruntiera. F'każ ta' hit, l-uffiċjal tal-ewwel linja għandu l-possibbiltà li jibgħat l-informazzjoni tal-hit mill-ewwel linja direttament lit-tieni linja. Sussegwentement, tibda tidher notifika b'kulur aħmar għat-tieni linja. F'każ ta' hit dwar persuni għal kontroll diskret, l-ewwel linja tiġbor b'mod diskret l-informazzjoni disponibbli u barra minn hekk tehmeż ritratti tal-iskrin tal-passaport/tal-karta tal-identità/taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura. Din tintbagħat awtomatikament fit-tieni linja, tiġi stabbilita formola għar-rapportar tal-hits u tintbagħat lis-SIRENE. [*L-Ungerija, 2024*]**
- **Malli tirċievi formola ta' hit nazzjonali dwar twissija tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen barranija, is-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet SIRENE awtomatikament tittrasferixxi d-*data* diġà bl-Ingliż lill-formoli SIRENE G, H jew R skont il-kategorija tal-allert. L-input manwali meħtieġ huwa minimu qabel ma jintbagħat lil uffiċċji SIRENE oħra. Meta l-Uffiċċju SIRENE jirċievi formola SIRENE R-A dwar allert ta' ritorn nazzjonali, il-formola tiġi ttrasferita awtomatikament mis-sistema ta' ġestjoni għal bażi tad-*data* użata mill-awtoritajiet tal-Pulizija tal-Fruntieri u dik Barranija. Imbagħad jikkonverti awtomatikament l-allert kif meħtieġ jew iħassarha jekk id-deċiżjoni ta' ritorn ma tkunx**

akkumpanjata minn projbizzjoni fuq id-dħul. L-istess proċess japplika meta jidħlu formoli SIRENE R-B jew R-E. Ikun hemm ipproċessar f'waqtu tal-formoli ta' hit u tal-allerti. Fil-każ ta' allerti ta' hit nazzjonali dwar persuni neqsin, il-formola tal-hit nazzjonali tinkludi entrata obbligatorja dwar il-kunsens għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar il-post mal-persuna li tippreżenta r-rapport tal-persuna nieqsa. [Is-Slovakkja, 2024]

Ħolqien ta' allerti

- Fil-fluss tax-xogħol ta' SIRENE, inħoloq messaggġ ta' twissija biex ifakkar lill-awtoritajiet dwar il-ħtieġa li tiddaħħal il-bijometrika jekk disponibbli meta jinħoloq allert fis-SIS. [In-Netherlands, 2021]
- Livell għoli ta' kwalità tad-*data* u awtomatizzazzjoni f'żewġ proċessi fir-Reġistru ta' Persuni Mfittxija. L-ewwel nett, meta jinħoloq allert dwar ċittadin, ir-reġistru jivverifika awtomatikament jekk hemmx vettura, jew arma tan-nar irreġistrata fil-bażijiet tad-*data* nazzjonali taħt l-isem tal-persuna u joffri awtomatikament lill-utent finali l-possibbiltà li jinkludi l-oġġett bħala estensjoni għall-allert, li jeħtieġ li jiġi kkonfermat mill-utent finali. It-tieni, meta jiddaħħal allert dwar resident, ir-reġistru jimla minn qabel u jimporta d-*data* alfanumerika (inkluża l-informazzjoni dwar id-dokument tal-identità) fl-allert mir-reġistri nazzjonali (ir-ritratt tad-dokument tal-identità ma jittellax awtomatikament, iżda jizda manwalment, meta jkun disponibbli). Barra minn hekk, meta jinħoloq allert ta' ritorn fl-applikazzjoni nazzjonali dwar persuna li l-informazzjoni personali tagħha tkun fir-reġistri nazzjonali, l-applikazzjoni nazzjonali timporta wkoll id-*data* alfanumerika u bijometrika fl-allert (inkluża l-kopja tad-dokument tal-identità, meta disponibbli). [Il-Litwanja, 2023]
- Mili awtomatiku minn qabel tad-*data* fl-allerti. Meta jiddaħħal allert dwar resident nazzjonali fis-sistema ta' reġistrazzjoni tal-mandat, ir-reġistru jimla minn qabel u jimporta d-*data* alfanumerika u r-ritratt tas-suġġett għall-allert mir-reġistru nazzjonali rilevanti. [L-Ungerija, 2024]

Skambju ta' informazzjoni

- Meta jiddaħħal allert nazzjonali għal persuna nieqsa fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, l-Uffiċċju SIRENE nazzjonali jirċievi formola SIRENE C iġġenerata awtomatikament. Din il-formola tinkludi l-informazzjoni supplimentari rilevanti kollha u tista' tintbagħat direttament lil Uffiċċji SIRENE oħra mill-Uffiċċju SIRENE nazzjonali. Il-ġenerazzjoni awtomatika tal-formoli SIRENE C għall-allerti tal-Artikolu 32 tippermetti t-trażmissjoni rapida ta' data biex tassisti lil Stati Membri oħra f'każijiet urġenti. [L-Irlanda, 2024]

Sistemi Nazzjonali ta' Informazzjoni ta' Schengen u tal-Viża u sistemi tal-IT

- Iċ-ċentru tal-operazzjoni tas-Sigurtà jimmonitorja s-sigurtà fil-livell tal-utent tan-network tal-pulizija kollu, filwaqt li jidentifika l-anomaliji li jistgħu jindikaw attacchi possibbli. Meta ċ-ċentru tal-operazzjoni tas-Sigurtà jidentifika użu suspettuż, iċ-ċentru tal-operazzjoni jrid jintervjeni biex jivverifika l-anomalija possibbli. Il-monitoraġġ attiv ta' "mġiba atipika" mill-utenti finali li jwettqu tfittxijiet jippermettilhom jidentifikaw sinjali ta' użu mhux xieraq tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u jipprevjenu riskji possibbli għas-sigurtà tad-*data*. [*In-Netherlands, 2021*]
- Fis-sistema nazzjonali tal-viża tal-IT, applikazzjonijiet urġenti (eż. f'każ fejn applikant jeħtieġ li jivvjaġġa ftit wara s-sottomissjoni tal-applikazzjoni, bħal rikoveru l-isptar ta' membru tal-familja mill-qrib) huma mmarkati b'mod permanenti. Għalhekk, l-applikazzjonijiet urġenti jistgħu jiġu identifikati faċilment u l-eżaminazzjoni tagħhom tista' tiġi pprijoritizzata mingħajr diffikultà. [*Malta, 2022*]
- Ir-rapporti ta' kull xahar dwar il-kwalità tad-*data* prodotti mill-eu-LISA jaslu fl-Uffiċċju Nazzjonali tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u mbagħad jiġu ffiltrati minn qabel biex jinkludu biss l-allerti li l-Uffiċċju SIRENE jeħtieġ li jivverifika u/jew jibgħat lill-utenti finali li jkunu ħolqu l-allert speċifiku. Il-verifika fuq żewġ livelli ta' żbalji possibbli tiżgura sa livell għoli l-kwalità tajba tad-*data* mdaħħla fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen mill-awtoritajiet. [*Il-Litwanja, 2023*]
- L-applikazzjoni Nazzjonali tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen turi b'mod prominenti "Rapportar immedjat" u "Identità mħallta", billi tpoġġi t-test fin-naħa ta' fuq tal-allert, enfasizzat b'ittri ħomor. Tali skrin jippermetti li l-utent finali jkun konxju minnufih tas-sitwazzjoni f'termini ta' urġenza, kumplessità u sensittività tal-allert. [*Ċipru, 2023*]
- L-infrastruttura tal-IT għall-ipproċessar tal-viżi tiffaċilita b'mod sinifikanti s-sottomissjoni u l-eżami tal-applikazzjonijiet għall-viża b'mod sigur, filwaqt li tillimita d-dipendenza fuq il-fornitur estern tas-servizzi fir-rigward tal-ġestjoni u l-kontroll tas-sistemi. L-ewwel nett, formola ta' applikazzjoni għal viża online disponibbli fuq is-sit web tal-Ministeru għall-Affarjiet Barranin u użat għal madwar 80 % tal-applikazzjonijiet għall-viża, inkluża "Gwida" bi spjegazzjoni utli f'ħafna lingwi rigward id-*data* li għandha tiddaħħal fl-oqsma differenti. Fi tmiem il-proċess ikun possibbli li tiġi ġġenerata lista ta' kontroll għad-dokumenti ta' sostenn meħtieġa skont il-post tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni u l-iskop tal-vjaġġ. It-tieni, is-sistema tad-dħul tad-*data* żviluppata għall-fornitur estern tas-servizzi għar-reġistrazzjoni tal-applikazzjonijiet u l-kombinazzjoni tagħhom mal-bijometriċi u d-dokument ta' appoġġ skennjat u ġestita bis-siħ mill-awtoritajiet nazzjonali. Fl-aħħar nett, is-sistema "ewlenija" tal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-eżami tal-applikazzjonijiet u t-teħid tad-deċiżjonijiet għandha interfaċċa intuittiva u faċli għall-utent, li tippermetti lil dawki li jieħdu d-deċiżjonijiet jikkuntattjaw faċilment lill-konsulati, lill-fornituri esterni tas-servizzi, lill-gwardji tal-fruntiera, u lill-pulizija fir-rigward ta' applikazzjoni partikolari. Il-VIS Mail hija

integrata fis-sistema b'mod faċli għall-utent u s-sistema għandha diversi għodod analitiċi u statistiċi. Il-funzjonalità tal-ġestjoni u l-kontroll tar-reġistru tas-sistema tinnotifika lit-tim ta' appoġġ tal-Ministeru dwar kwalunkwe attività mhux tas-soltu tal-utenti li jipproċessaw id-data. [Il-Finlandja, 2023]

- **Proċedura standardizzata għall-ġbir ta' ritratti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fir-reġistru tal-politika tal-barranin skont l-istandards tal-ICAO. Dan jirriżulta f'ritratti ta' kwalità għolja u jiffaċilita l-identifikazzjoni ta' persuni soġġetti għal allerti nazzjonali dwar ritorn u allerti għal rifjuti ta' dħul. [L-Ungerija, 2024]**
- **Kontrolli awtomatizzati tal-marki tas-swaba' mwettqa abbażi ta' analiżi tar-riskju kriminali u tal-immigrazzjoni minbarra li tiġi stabbilita l-identità tal-individwi u jiġu kkonfermati l-hits. [L-Ungerija, 2024]**
- **Hemm proċess ippjanat u ddokumentat sew għall-kontinwità tal-operat fiċ-ċentri tad-data. Jintużaw strutturi identiċi għal ambjenti ta' żvilupp, preproduzzjoni u produzzjoni u hemm sit sekondarju ta' ridondanza ġeografika li hu wkoll sigur ħafna. Ikun hemm ittestjar regolari tal-istabbiltà tal-provvista tal-enerġija, tas-sistemi ta' restawr ta' riżerva u ta' fallimenti bejn iċ-ċentru primarju tad-data u s-sit ta' riżerva. Id-dokumentazzjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni tiġi rieżaminata u aġġornata regolarment; isiru awditi interni b'mod regolari. [Is-Slovakkja, 2024]**
- **Is-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet tal-Uffiċċju SIRENE tinkludi għodda robusta għall-produzzjoni ta' rapporti statistiċi, li tippermetti li jkun jistgħu jsiru rapporti dettaljati għal kull għassa tal-pulizija u punt ta' qsim tal-fruntiera abbażi ta' formoli interni ta' rapportar tal-hits. L-istatistika tista' tiġi ffiltrata minn diversi parametri, bħat-tip ta' reat, li jgħin fil-monitoraġġ tal-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fil-pajjiż kollu u fir-rapportar lill-eu-LISA. [Il-Kroazja, 2024]**
- **F'sitwazzjonijiet fejn l-aċċess dirett għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen ma jkunx disponibbli, l-utenti finali jistgħu jikkuntattjaw lill-Awtorità Teknika Ċentrali permezz tal-faks jew tal-posta elettronika biex jimmaniġġjaw it-twissijiet permezz tal-kanal ta' komunikazzjoni web fil-modalità ta' emerġenza. Proċeduri nazzjonali ċari jipprovdu kriterji u mudelli minimi għal dan il-proċess, filwaqt li jiżguraw li jkun hemm disponibbiltà mingħajr interruzzjoni tal-funzjonalitajiet kollha fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għall-utenti finali. [Il-Polonja, 2024]**

Rekwiżiti dwar il-Protezzjoni tad-Data fir-rigward tas-Sistema Nazzjonali ta' Informazzjoni ta' Schengen (N.SIS, National Schengen Information System)

- L-awtoritajiet li jimmaniġġjaw l-N.SIS jaċċettaw it-talbiet għad-drittijiet tas-suġġett tad-data li jsiru f'lingwi oħra għajr il-lingwa tal-Istati Membri. [Il-Litwanja, 2018]

- L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data tal-kontrollur tal-N.SIS stabbilixxa politika komprensiva ta' notifika dwar ksur ta' data, inklużi proċeduri, għodod u struzzjonijiet lill-persunal. [Il-Ġermanja, 2020; [In-Norveġja, 2022]
- Struttura deċentralizzata tal-monitoraġġ tal-protezzjoni tad-data personali fejn il-persuni ta' kuntatt għall-kwistjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data personali jkunu disponibbli f'kull unità tal-pulizija filwaqt li żewġ uffiċjali tal-protezzjoni tad-data (DPOs) ikunu responsabbli għas-superviżjoni ġenerali. [In-Netherlands, 2021]
- L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data huwa inkarigat mit-twettiq tal-ġestjoni tal-vulnerabbiltà, il-koordinazzjoni tal-attività tal-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà u t-twettiq ta' valutazzjoni u awditjar tar-riskju; huwa/hija jikkoopera/tikkoopera mal-kontrollur tad-data b'mod proattiv u kollaborattiv, eż. fir-rigward tal-proġett għat-twettiq ta' Ċentru ta' Operazzjoni taċ-Ċibersigurtà li jippermetti ġestjoni immedjata u effettiva tal-inċidenti. [L-Italja, 2021]
- Il-ġestjoni tal-awtorizzazzjoni tal-utent tal-Bord tal-Pulizija Nazzjonali tipprevjeni l-aċċess mhux awtorizzat għad-data personali. Minbarra s-sitwazzjoni fejn il-kariga jew il-kompiti jinbidlu, is-superjur tal-utent jikkontrolla u jivvaluta kull sena li l-awtorizzazzjonijiet tal-utenti tas-subordinati huma xierqa u, jekk ikun meħtieġ, iniedi proċedura interna biex jaġġornahom. Il-koordinatur tas-sistema responsabbli jrid jivverifika kull sena li d-drittijiet tal-utenti mogħtija lill-gruppi tal-partijiet ikkonċernati u lill-persuni esterni jkunu xierqa u aġġornati. [Il-Finlandja, 2023]
- **L-għodda l-ġdida għall-Ġestjoni tal-Infurmazzjoni u l-Avvenimenti tas-Sigurtà (SIEM - Security Information and Event Management) hija implimentata bħala għodda għall-analiżi tal-logs li ttejjeb b'mod sinifikanti d-detezzjoni tal-anomaliji u l-użu ħażin potenzjali tas-Sistema ta' Infurmazzjoni ta' Schengen. Dan inaqqas il-vulnerabbiltà tas-sistema.** [L-Iżvezja 2022]
- **L-għoti proattiv ta' infurmazzjoni dwar id-drittijiet tas-suġġetti tad-data mill-Pulizija tal-Ajruport. Huma jipprovdu link għall-portal tal-protezzjoni tad-data tal-pulizija permezz ta' kodiċijiet QR, li jitqiegħdu b'mod viżibbli fl-ewwel u fit-tieni linja fil-punti ta' qsim tal-fruntieri.** [L-Ungerija, 2024]

Rekwiżiti tal-Protezzjoni tad-Data fir-rigward tal-proċedura tal-ħruġ tal-viża/Sistema ta' Infurmazzjoni dwar il-Viża

- Attivitajiet estensivi tal-kontrollur tal-N.VIS fir-rigward tas-superviżjoni tal-konsolati u tal-fornitur estern tas-servizzi, inkluż dwar kwistjonijiet ta' sigurtà tad-data u ta' protezzjoni tad-data. B'mod partikolari, f'dawn l-aħħar snin saru serje ta' awtoawditi mill-kontrollur tal-N.VIS. [Spanja, 2017; L-Italja, 2021]
- L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin, għall-Unjoni Ewropea u għall-Kooperazzjoni huwa involut fl-ispezzjonijiet tal-Ministeru tal-

proċedura tal-ħruġ tal-viża u huwa wkoll ġeneralment involut b'mod qawwi f'ħafna aspetti fejn tidħol il-protezzjoni tad-*data* fil-proċedura tal-ħruġ tal-viża. [*Spanja, 2022*]

- Kontroll estensiv tar-reġistru mwettaq permezz ta' għodda awtomatizzata tas-software biex jiġu identifikati inċidenti fir-reġistri. [*Id-Danimarka, 2022*] [**L-Iżvezja 2022**]
- Is-soluzzjoni tal-Ġestjoni tal-Infurmazzjoni u l-Avvenimenti tas-Sigurtà implimentata fis-sistema tal-IT tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin hija mfassla b'diversi regoli predefiniti li jiskattaw l-allarmi u jinnotifikaw bil-posta elettronika lit-tim ta' appoġġ tal-VISA tal-Ministeru f'każ ta' kwalunkwe attività mhux tas-soltu tal-utenti li jipproċessaw id-*data* fis-Sistema Ċentrali ta' Infurmazzjoni dwar il-Viża (C-VIS). Peress li s-sistema tal-VISA (is-sistema nazzjonali ċentrali tal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-eżaminar tal-applikazzjonijiet tal-viżi u t-teħid tad-deċiżjonijiet) tirreġistra l-ipproċessar kollu tad-*data* fil-VISA u fis-C-VIS mill-awtoritajiet kollha tal-utenti finali bi drittijiet ta' aċċess, il-kontroll tar-reġistru jkopri dawk l-awtoritajiet kollha, ukoll. It-tim tal-Protezzjoni tad-*Data* tal-Ministeru għandu proċedura stabbilita sew għall-valutazzjoni tal-ksur tad-*data* u dwar x'passi addizzjonali jeħtieġ li jittieħdu, inkluż il-perjodu ta' żmien għan-notifika lill-Awtorità għall-Protezzjoni tad-*Data*. [*Il-Finlandja, 2023*]

Uffiċċju SIRENE

Il-proċeduri SIRENE

- L-Uffiċċju tal-Prosekutur għandu uffiċċju minn fejn jaqdi li huwa disponibbli 24 siegħa kuljum għal riferimenti mill-Uffiċċju SIRENE. [*Id-Danimarka, 2017*]
- L-involviment tal-persunal ta' SIRENE f'attivitajiet fuq il-post matul operazzjonijiet tal-pulizija fuq skala kbira. [*L-Iżvizzera, 2018*]
- Hemm faċilità biex jiġu sottomessi l-marki tas-swaba' mis-Sistema ta' Infurmazzjoni ta' Schengen lis-Sistema Awtomatizzata għall-Identifikazzjoni tal-Marki tas-Swaba' nazzjonali permezz tas-sistema tal-fluss tax-xogħol ta' SIRENE u r-rispons hit/no-hit jinkiseb awtomatikament. Dan il-proċess jinbeda biss meta jinħoloq fajl tal-każ fis-sistema tal-fluss tax-xogħol tas-SIRENE. F'konformità mal-leġiżlazzjoni, il-proċess ma jinvolvi il-ħżin tal-marki tas-swaba' tas-SIS fl-AFIS nazzjonali. [*L-Irlanda, 2021*]
- L-awtoritajiet rilevanti kollha relatati man-network sigur intern tal-pulizija għandhom il-kontijiet postali uffiċjali ddedikati tagħhom, użati għall-iskambju ta' infurmazzjoni. Ir-rapporti kollha tal-pulizija dwar inċidenti huma viżibbli għall-uffiċċji kollha b'kontijiet postali ddedikati, inklużi l-uffiċċjali tas-SIRENE li b'mod proattiv ifittxu fil-bażijiet tad-*data* disponibbli, inkluż is-SIS, iċ-ċittadini kollha tal-UE u ta' pajjiżi terzi involuti fl-inċidenti rrapportati. Bħala riżultat ta' dawn il-mistoqsijiet, f'każ ta' konkordanza pożittiva, l-Uffiċċju SIRENE jikkuntattja immedjatament lill-istazzjon tal-Pulizija inkarigat mill-każ (li jkun irrapporta l-inċident) u jitlob li tittieħed azzjoni ulterjuri rigward is-suġġett tal-alert. L-approċċ proattiv żviluppat mill-Uffiċċju

SIRENE jiżgura li l-ebda hit ma tintilef matul il-mistoqsijiet imwettqa kontra s-SIS. [Ċipru, 2023]

Sistema tal-fluss tax-xogħol tas-SIRENE

- Fl-applikazzjonijiet għall-ġestjoni tal-każijiet, meta jkun hemm hit f'allert li jkun fiha psewdonimi, identitajiet użati ħażin u/jew links, titla' window li tenfasizza l-preżenza ta' din l-informazzjoni rilevanti. Din in-notifika tindirizza b'mod effettiv waħda mill-aktar problemi komuni fost is-soluzzjonijiet tat-tfittxijiet fl-Istati Membri differenti: id-diffikultà li din l-informazzjoni ssir viżibbli għall-utent finali. [L-Ungerija, 2019]
- Is-sistema tal-fluss tax-xogħol ta' SIRENE awtomatikament tivverifika l-messaġġi kollha li jidħlu mill-kanali internazzjonali kollha (inklużi wkoll il-formoli SIRENE), kontra keywords predefiniti. Id-data personali inkluża fil-formoli tiġi vverifikata awtomatikament mal-bażijiet tad-data konnessi. Ir-riżultati pożittivi minn tali skrinjar huma mmarkati bħala "hot hits" biex jindikaw li dawk il-formoli għandhom jiġu ttrattati bħala prijorità. Bis-saħħa ta' din is-soluzzjoni, l-Uffiċċju SIRENE jista' jiġġestixxi b'mod effettiv it-talbiet li jidħlu mingħajr ebda każijiet pendenti minn qabel. [Il-Liechtenstein, 2021]
- Formoli A u M li jidħlu (użati għall-iskambju ta' informazzjoni dwar mandati ta' arrest Ewropej u talbiet għall-estradizzjoni, u dwar informazzjoni supplimentari mixxellanja meta ma tiġi stabbilita l-ebda proċedura, rispettivament) dwar persuni jiġu pproċessati awtomatikament fis-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet ta' SIRENE, li awtomatikament tittrasferixxi l-formoli li jidħlu dwar allerti relatati mat-terroriżmu lis-Servizz tas-Sigurtà u tal-Intelligence Daniż. [Id-Danimarka, 2022]
- Il-formoli ta' SIRENE maħluqa mill-uffiċjali jimtlew minn qabel bid-data ta' allert u għandhom testi predefiniti disponibbli li jistgħu jiżdedu bi klikk waħda biss. It-testi predefiniti huma mfassla għal kull forma u tip ta' allert. [Is-Slovakkja, 2019]
- Is-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet SIRENE hija applikazzjoni tal-IT unika li tittratta l-messaġġi kollha b'mod awtomatizzat ħafna: il-formoli SIRENE li jidħlu jiġu rreġistrati awtomatikament għal każijiet eżistenti u jiġu assenjati lill-uffiċjal tal-każ kompetenti; formoli A li jidħlu huma pproċessati awtomatikament u verifikati mal-bażijiet tad-data nazzjonali bbażati fuq kliem ewlieni. Dan il-proċess jippermetti li l-formoli A kollha li jidħlu jirrelataw ma' dan il-kliem ewlieni sabiex jintbagħtu awtomatikament darba kuljum f'lott lid-dipartimenti u l-unitajiet rilevanti. Il-formoli A huma assenjati lil operatur għat-trattament manwali biss f'każ ta' konkordanza. Il-formoli hit nazzjonali ddedikati jintbagħtu awtomatikament minn tieqa ta' previżjoni fl-allert tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen mill-utenti finali mill-brawżer/reġistri tal-Pulizija u jaslu fil-kaxxa postali tal-messaġġi li jkunu deħlin tal-ILO, u mbagħad jiġu kkonvertiti f'formoli ta' rapportar tal-hits tas-SIRENE. Dawn il-proċessi jiffaċilitaw b'mod sinifikanti t-twettiq tal-kompiti tal-Uffiċċju SIRENE u jappoġġaw l-effettività f'waqtha tal-iskambju ta' informazzjoni u formoli supplimentari. [Il-Litwanja, 2023]

4. Aspetti għad-Drittijiet Fundamentali

Monitoraġġ ta' ritorn furzat

- Monitoraġġ adegwat huwa żgurat mill-indipendenza sħiħa tal-Garanti Nazzjonali, il-kamp ta' applikazzjoni tal-azzjoni tiegħu, it-taħriġ ipprovdut lill-iskorti tar-ritorn dwar id-drittijiet fundamentali (inkluż dwar id-drittijiet ta' gruppi vulnerabbli ta' persuni) u l-prinċipju ta' non-refoulement, kif ukoll in-network reġjonali ta' kontrolluri tar-ritorn furzat imħarrġa li joperaw fit-territorju kollu. [*L-Italja, 2021*]
- Il-pubblikazzjoni online regolari tar-rapporti ta' monitoraġġ tar-ritorn furzat mid-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet, inkluż bl-Ingliż, bħala parti mir-rapport ġenerali annwali tal-Ombudsman tiżgura livell addizzjonali ta' skrutinju fuq il-proċess ta' tneħħija, li jtejjeb it-trasparenza tiegħu, u tappoġġa aktar l-effettività tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ tar-ritorn sfurzat. [*Iċ-Ċekja, 2019*]
- **Il-Kwartieri Ġenerali tal-Gwardja tal-Fruntiera għandu konsulent maħtur dwar id-drittijiet tal-bniedem biex jintegra u jappoġġa prattiki ta' ġestjoni tal-fruntieri konformi mad-drittijiet fundamentali. Id-diviżjonijiet reġjonali tal-Gwardja tal-Fruntiera għandhom ukoll tali konsulenti tad-drittijiet tal-bniedem maħtura, li jieħdu sehem fl-għoti ta' taħriġ dwar id-drittijiet fundamentali fil-livelli reġjonali u lokali.** [*Il-Polonja, 2024*]

5. Proċeduri tal-protezzjoni tad-data

- L-Ispettorat tal-Istat tad-Data jorganizza s-superviżjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u tal-Viżi fi ħdan il-Business Proċess Model and Notation - rappreżentazzjoni grafika għad-definizzjoni tal-proċessi tan-negozju f'mudell ta' proċess tan-negozju. Business Proċess Model and Notation jippermetti lill-impjegati jifhmu r-responsabbiltajiet tagħhom f'kull stadju, kif ukoll il-proċess kollu tas-superviżjoni. [*Il-Latvja, 2023*]

DIMENSJONIJIET ESTERNI

Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi

Uffiċjali ta' kollegament

- Hemm aċċess dirett mill-intranet tal-Uffiċċju Internazzjonali ta' Kollegament għall-Bażi tad-Data tad-data dattiloskopika li tippermetti lill-uffiċjali jfittxu lill-AFIS nazzjonali b'fajl NIST meħmuż mal-alert, li jippermetti li jiġu rkuprati kwalunkwe konkordanzi fi kwistjoni ta' minuti. Meta t-tiftix awtomatiku jirriżulta f'konkordanza, din il-konkordanza tkun soġġetta wkoll għal verifika esperta tal-marki tas-swaba'. Din il-funzjonalità tippermetti mhux biss li ssir tfittxija fil-bażijiet tad-data nazzjonali b'parametri alfanumeriċi iżda wkoll b'dawk bijometriċi, li jżid l-akkuratezza tal-identifikazzjoni tal-persuna. [*Il-Litwanja, 2023*]
- Jiġu skjerati konsulenti tal-viża jew uffiċjali ta' kollegament f'pajjiżi terzi ta' prijorità, bil-kompitu li jidentifikaw migrazzjoni irregolari potenzjali lejn iż-żona Schengen u jiġbru intelligence dwar metodi jew xejriet ġodda. Meta jiġu identifikati dokumenti jew identitajiet frodulenti mill-awtoritajiet tal-viża, mhux biss il-viża ta' Schengen tiġi rrifjutata iżda tinħareġ ukoll projbizzjoni fuq id-dħul biex iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jitħalliex jipprova jidħol minn Stat Membru ieħor. L-intelligence miġbura minn dawn l-uffiċjali tiġi kondiviża regolarment mal-awtoritajiet rilevanti permezz ta' laqgħat koordinati, it-titjib tat-tħejjija fil-fruntieri esterni u għall-proċeduri ta' ritorn. Din l-intelligence tgħin biex jiġu fformati pjanijiet nazzjonali u reġjonali, li jippermettu li jkunu jistgħu jittieħdu azzjonijiet immirati kontra entitajiet involuti fl-iffaċilitar tal-migrazzjoni irregolari. Il-migranti irregolari identifikati f'dawn l-operazzjonijiet huma diretti lejn il-proċessi ta' ritorn xierqa. [*L-Ungerija, 2024*]
- L-uffiċjali ta' kollegament ingħataw aċċess dirett għas-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet ġestita mill-Punt Uniku ta' Kuntatt, li jippermetti l-irkupru ta' informazzjoni f'ħin reali minn bażijiet tad-data nazzjonali u internazzjonali. Dan l-aċċess itejjeb it-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom, jappoġġa l-investigazzjonijiet transfruntiera u jtejjeb l-effiċjenza operazzjonali mal-kollaboraturi internazzjonali. Barra minn hekk, is-sorveljanza mill-Punt Uniku ta' Kuntatt tiżgura li l-komunikazzjonijiet bejn l-uffiċjali ta' kollegament u l-infurzar tal-liġi jkunu kkoordinati, trasparenti u siguri. [*Iċ-Ċekja, 2024*]

Kooperazzjoni internazzjonali

- L-istabbiliment ta' kooperazzjoni multilaterali u ftehimiet bilaterali ma' diversi pajjiżi terzi jippermetti l-iskambju ta' data f'ħin reali dwar is-sorveljanza marittima u fil-punti ta' qsim tal-fruntiera għall-kontrolli fuq il-mezzi ta' trasport tul korp tal-ilma u informazzjoni oħra relatata mal-fruntieri. L-awtoritajiet attivament jappoġġaw l-

iżvilupp ta' kapaċitajiet nazzjonali għall-kontroll tal-fruntieri f'pajjiżi terzi billi jagħtu assi b'donazzjoni. [L-Italja, 2021]

- L-awtoritajiet nazzjonali jimmaniġġaw il-flussi migratorji u jindirizzaw il-kriminalità transfruntiera minn barra ż-żona Schengen permezz tal-implimentazzjoni ta' kunċett reġjonali ta' sorveljanza fuq il-fruntieri. Dan jinkludi l-iskjerament ta' uffiċjali ta' kollegament minn pajjiżi terzi għaċ-ċentri ta' koordinazzjoni reġjonali tal-Istat Membru u viċi versa, li għandu l-għan li jiffaċilita l-kooperazzjoni diretta u l-iskambju ta' informazzjoni. Unitajiet tal-gwardja tal-fruntiera jiġu stazzjonati fl-ilmijiet territorjali u fuq l-art tal-pajjiżi terzi, filwaqt li jiżgura viġilanzi konġunti kostanti bil-baħar u bl-ajru. Mekkaniżmu ta' tiftix u salvataġġ jikkomplementa s-sistema reġjonali ta' sorveljanza fil-fruntieri b'bastimenti kkoordinati mill-aġenzija nazzjonali ta' tiftix u salvataġġ. [Spanja, 2022]
- **Il-proġett “Destinazzjoni Turistika Sikura” ilu jopera mill-2006, u jospita u jiskjera uffiċjali tal-pulizija internazzjonalment biex jaqdu aħjar lit-turisti u liċ-ċittadini barra mill-pajjiż. B'parteċipazzjoni dejjem akbar ta' organizzazzjonijiet tal-pulizija barranin, fl-2023 kien hemm involviment minn 24 organizzazzjoni f'21 pajjiż. L-uffiċjali tal-pulizija barranin joperaw taħt setgħat miftiehma, billi jipprovdu servizzi fil-lingwi tat-turisti li jnaqqsu l-ostakli meta dak li jkun ifittex l-għajjnuna tal-pulizija. Viżibbli fl-uniformijiet nazzjonali tagħhom, l-uffiċjali tal-pulizija mistiedna jikkontribwixxu għall-prevenzjoni tal-kriminalità u jtejbu s-sikurezza. [Il-Kroazja, 2024]**
- **Arranġamenti stabbiliti ma' pajjiżi terzi ġirien skont liema uffiċjali mistiedna jiġu skjerati f'dawn il-fruntieri biex jappoġġaw is-sorveljanza u attivitajiet oħra ta' kontroll, bħall-kontrolli fil-fruntieri. Dan iżid il-kapaċitajiet ta' reazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni. F'territorju ġar wieħed, l-uffiċjali tal-pulizija tal-fruntieri minn pajjiżi terzi sieħeb qed jgħassu f'kooperazzjoni ma' uffiċjali lokali tal-fruntiera fuq bażi ta' kuljum biex jipprevjenu l-migrazzjoni illegali u jidentifikaw lil dawk involuti fil-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' bnedmin. Abbażi ta' ftehim bilaterali ma' pajjiżi sieħeb ieħor, hemm uffiċjal wieħed li bħalissa qed jaħdem f'punti speċifiċi ta' qsim tal-fruntiera biex jappoġġa l-kontrolli u jiffaċilita l-komunikazzjoni mal-passiġġieri. [L-Ungerija, 2024]**
- **Il-qrati u l-uffiċċji tal-Prosekutur joħlqu allerti għal persuni mfittxija flimkien ma' Mandat ta' Arrest Ewropew (MAE) kemm bil-Pollakk kif ukoll bl-Ingliż. It-twaħħil tal-verżjoni bl-Ingliż mat-twissija jħaffef il-proċeduri fl-Istati Membri l-oħra għal azzjonijiet dwar hits internazzjonali. [Il-Polonja, 2024]**

II-Politika dwar il-Viżi

Fornitur tas-Servizzi Esterni

- **L-impożizzjoni ta' sanzjonijiet finanzjarji fuq fornituri esterni tas-servizzi** f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-kuntratt, flimkien ma' monitoraġġ imsaħħaħ tax-xogħol tagħhom, hija mod effettiv biex il-fornitur estern tas-servizzi jsir konformi mad-dispożizzjonijiet tal-kuntratt u biex tittejjeb il-prestazzjoni tiegħu. [*L-Awstrija, 2022*]

ĠESTJONI TAL-FRONTIERI ESTERNI

L-għarfien tas-sitwazzjoni nazzjonali u Ewropea u s-sistema ta' twissija bikrija

Kooperazzjoni (għarfien tas-sitwazzjoni)

- Il-koordinazzjoni bejn iċ-Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni ta' żewġ Stati Membri ġirien tippermetti stampa tas-sitwazzjoni komuni, skambju effiċjenti ta' informazzjoni, għarfien imtejjeb tas-sitwazzjoni fil-fruntieri komuni u kapaċità ta' rispons miżjuda, peress li l-pożizzjonament tal-assi huwa kondiviż ukoll bejn iż-żewġ pajjiżi. [*Il-Portugall/Spanja, 2017*]
- L-aċċess dirett għall-bażijiet tad-data nazzjonali (lil hinn minn dawk li jintużaw biss għall-kontroll tal-fruntieri) jippermetti li iċ-Ċentru Nazzjonali ta' Koordinazzjoni jżomm stampa tas-sitwazzjoni nazzjonali komprensiva u jiżgura għarfien tas-sitwazzjoni msaħħa għall-partijiet ikkonċernati tiegħu fil-livell nazzjonali u Ewropew. [*Il-Finlandja, 2023*]
- Iċ-Ċentru Nazzjonali ta' Koordinazzjoni stabbilixxa proċedura għar-rieżami tat-talbiet għall-attivazzjoni tas-Servizzi ta' Fużjoni tal-EUROSUR fil-livelli distrettwali u lokali. Tali proċedura tivverifika l-legalità u r-rilevanza ta' kull talba tas-Servizzi ta' Fużjoni tal-EUROSUR, qabel ma jiġu ppreżentati lill-Frontex, filwaqt li tiżgura li talbiet rilevanti u kosteffettivi biss għas-Servizzi ta' Fużjoni tal-EUROSUR jintbagħtu lill-Frontex u mbagħad jintużaw fl-attivitajiet operazzjonali. [*Il-Finlandja, 2023*]
- **Fil-qafas tal-EMPACT, jaġixxi bħala “Promotur” tal-pjan ta' azzjoni operazzjonali tal-EMPACT immirat lejn networks kriminali involuti fil-produzzjoni, it-traffikar u d-distribuzzjoni ta' drogi sintetiċi u sustanzi psikoattivi ġodda. Il-Kap tal-unità tad-drogi tal-Uffiċċju Ċentrali tal-Pulizija tal-Investigazzjoni jaġixxi bħala l-“Promotur”, filwaqt li jibbenefika minn appoġġ operazzjonali pjuttost uniku u jidentifika u jaċċessa b'mod effiċjenti diversi opportunitajiet finanzjarji. Iċ-Ċentru Ewropew għall-Implimentazzjoni tal-Proġetti fi ħdan il-Ministeru għall-Affarijiet Interni jappoġġa din l-attività bħala prijorità u jassisti billi jittratta kompiti amministrattivi u jappoġġa l-isforzi għall-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga. [*Il-Polonja, 2024*]**
- Il-gwardji tal-Fruntieri u l-awtoritajiet doganali jikkooperaw mill-qrib permezz ta' proċedura integrata tal-Fruntieri Diġitali fil-punti ta' qsim biex isaħħu l-kontrolli u jiżguraw proċess aktar faċli. Id-data miġbura u r-riżultati tal-kontrolli tal-ewwel linja, inkluża l-informazzjoni tas-SIS, jiġu ttrasferiti direttament mill-Gwardji tal-Fruntieri għad-Dwana, li jkomplu l-ispezzjonijiet b'dettalji mimlija minn qabel. [*Il-Polonja, 2024*]

Analiżi tar-Riskji

Fruntieri tal-art

- Is-sistema nazzjonali tal-analiżi tar-riskju tal-istituzzjoni ta' kontroll fuq il-fruntieri hija effiċjenti u appoġġata minn kooperazzjoni funzjonali bejn l-aġenziji. Darbtejn fis-sena, l-istituzzjoni ta' kontroll fil-fruntiera toħroġ prodotti komuni ta' analiżi tar-riskju mad-Dwana u l-Pulizija Nazzjonali. L-iskambju regolari u sistematiku ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti involuti fl-implimentazzjoni tal-Ġestjoni Integrata Ewropea tal-Fruntieri li tirriżulta fi prodotti konġunti ta' analiżi tar-riskju jżgura għarfien komprensiv tas-sitwazzjoni nazzjonali u jappoġġa kapaċitajiet adegwati ta' reazzjoni. Barra minn hekk, jiġu organizzati taħriġ komuni, operazzjonijiet konġunti, u azzjonijiet imfassla apposta bejn l-awtoritajiet rilevanti involuti fil-ġestjoni tal-fruntieri. *[Il-Litwanja, 2023]*
- L-applikazzjoni għad-detezzjoni ta' persuni u/jew vetturi bi profil ta' riskju speċifiku bħala parti mis-sistema nazzjonali ta' analiżi tar-riskju tal-Pulizija tal-Fruntieri u integrata fis-Sistema Nazzjonali ta' Informazzjoni dwar il-Ġestjoni tal-Fruntieri. L-applikazzjoni hija disponibbli fil-punti kollha ta' qsim tal-fruntieri għall-uffiċjali tal-pulizija kollha involuti fil-kontroll tal-fruntieri u tiżgura l-użu effettiv tal-profil tal-analiżi tar-riskju mil-livelli organizzattivi kollha u żżid il-kwalità tal-kontroll fil-fruntieri. Sabiex jiġu identifikati persuni jew vetturi b'riskju għoli, il-Pulizija tal-Fruntieri żviluppat applikazzjoni awtomatika tal-indikaturi tar-riskju li hija integrata fis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Ġestjoni tal-Fruntieri. Meta jiġu attivati, l-indikaturi jidentifikaw awtomatikament l-awturi potenzjali matul il-kontrolli fil-fruntieri. L-indikaturi huma marbuta awtomatikament mal-profil tar-riskju, li juru allarm isfar fuq l-iskrin tal-gwardja tal-fruntiera b'link għall-profil, li jagħti struzzjonijiet immirati biex jiġi ddeterminat l-istatus ta' persuna. Il-gwardji tal-fruntiera jistgħu jattivaw dawn l-indikaturi f'punti speċifiċi ta' qsim tal-fruntiera u f'ħinijiet speċifiċi. *[Il-Kroazja, 2024]*

Verifiki fil-fruntieri

Fruntieri tal-ajru

- Unità ddedikata ta' sitt gwardji tal-fruntiera timmonitorja t-trasport privat u l-avjazzjoni rikreattiva, inklużi inġenji tal-ajru u elikopters ħfief, peress li għandha aċċess għal traċċar tar-rotot f'ħin reali u *data* dwar it-titjiriet mir-radar militari. L-unità tirċievi l-pjanijiet tat-titjir kollha li mbagħad jiġu analizzati. Meta l-ajruport tat-tluq jew tal-wasla ma jkunx punt ta' qsim tal-fruntiera, jingħata allert lil unita tal-pulizija biex tintervjeni. F'każ ta' nżul mhux awtorizzat f'ajrudromi li mhumiex iddedikati għall-qsim tal-

fruntieri, l-awtoritajiet jimponu multi. Valutazzjoni tar-riskju tar-rotot tat-titjir li jiddevjaw titwettaq regolament. [*Il-Belġju, 2020*]

- Il-komunikazzjoni bejn l-ewwel u t-tieni linja fil-punti ta' qsim tal-fruntiera fl-ajruport permezz tal-applikazzjoni nazzjonali hija awtomatizzata ħafna u faċli biex tintuża. F'każ ta' hit, l-uffiċjal tal-ewwel linja għandu l-possibbiltà li jdaħħal kummenti f'entrata ddedikata u l-informazzjoni dwar il-hit flimkien mal-messaġġ tal-kummenti tintbagħat permezz tal-applikazzjoni nazzjonali mill-ewwel linja sat-tieni linja. Fir-rigward tal-e-gates, f'każ ta' hit ta' alert ta' verifika diskreta, l-operatur tal-e-gate jista' jżid ukoll kumment mal-hit li mbagħad jintbagħat minnufih lit-tieni linja li tiġbor informazzjoni addizzjonali disponibbli u tibgħat il-formola hit lis-SIRENE. Dan jippermetti li l-kontroll jitlesta mingħajr ebda kuntatt mas-suġġett tal-alert, filwaqt li tinġabar l-informazzjoni meħtieġa. [*Il-Litwanja, 2023*]
- L-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri responsabbli għall-ġbir u l-ipproċessar tad-*data* tal-passiġġieri dwar it-titjiriet kollha li bħalissa qed joperaw fil-pajjiż. Ir-rwol tagħha huwa li tinforma (24 siegħa kuljum) lill-awtoritajiet kompetenti tal-infurzar tal-liġi dwar il-ħtieġa li jkomplu jeżaminaw passiġġieri deħlin u heġin, wara t-tqabbil awtomatizzat tad-*data* tagħhom ma' bażijiet tad-*data* rilevanti (bħas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, I24/7), jew ma' profili astratti mmudellati fil-kooperazzjoni u/jew fuq talba ta' tali awtoritajiet. Hekk kif jirċievu mistoqsijiet mill-aġenziji kollha tal-infurzar tal-liġi, l-unità tinsab f'pożizzjoni unika li tinnota investigazzjonijiet u oġġetti ta' interess li jikkoinċidu u biex tinforma lill-aġenziji rispettivi. Sistema ta' ġestjoni tal-każijiet żviluppata sew għall-ġestjoni tal-komunikazzjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti u l-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' Stati Membri oħra, stabbilita skont l-aħjar Prattiki Internazzjonali, hija fil-qalba tat-tweqqif b'suċċess tal-kompiti tal-Unità u l-iskambju ta' informazzjoni. L-operazzjonijiet iqisu kif xieraq il-protezzjoni tad-*data* u r-rekwiżiti proċedurali stabbiliti mil-liġi rilevanti tal-UE u dik nazzjonali. L-Unità tmexxi b'mod proattiv kampanji ta' sensibilizzazzjoni dwar il-kapaċitajiet li toffri. Hija mgħammra b'kapaċitajiet tekniċi u umani ta' kwalità għolja. [*Il-Latvja, 2023*]

Fruntieri tal-art

- **Kontroll awtomatiku minn qabel fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen ta' vetturi li javviċinaw il-kabini ta' kontroll tal-fruntieri tal-art permezz tar-Rikonoxximent Awtomatiku tan-Numru tal-Pjanċi, inklużi estensjonijiet tal-oġġetti.** [*Il-Kroazja, 2024*]

Sorveljanza fil-fruntieri

- Il-gwardja tal-fruntiera tuża vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAV, Unmanned Aerial Vehicles) għal kompiti ta' sorveljanza u ta' intervent. Kull waħda mill-unitajiet reġjonali responsabbli għall-fruntieri esterni tal-art hija konnessa mas-sistema. Din tikkonsisti minn tliet pjattaformi (mini-gliders bil-mutur mingħajr bdot abbord),

stazzjon tal-art (b'kontroll mill-bogħod, skrins u antenna) u tagħmir ieħor ta' appoġġ. Il-pjattaformi huma mgħammra b'kmeras għal matul il-jum u għall-viżjoni fid-dlam, u pjattaforma waħda tista' tintuża fi kwalunkwe ħin partikolari. Immaġnijiet ta' kwalità għolja mill-kmeras jiġu kkonsenjati f'ħin reali jew lill-istazzjon tal-art jew lil riċevituri konnessi oħrajn. Din is-sistema tal-UAV tista' ttejjeb il-kapaċità ta' sorveljanza fil-fruntieri, ittejjeb l-għarfien tas-sitwazzjoni u tiffaċilita l-kapaċitajiet ta' reazzjoni. Ladarba jiġi identifikat oġġett li jkun qed itir, iċ-Ċentru Reġjonali ta' Koordinazzjoni jiġi infurmat biex jitwettqu miżuri speċifiċi ta' intervent. [*Il-Polonja, 2019*]

- **Ġiet installata sistema elettronika ta' ostakli tul il-biċċa l-kbira tal-fruntiera esterna fuq l-art, li tikkonsisti f'għadd kbir ta' kmeras li jaħdmu bi nhar, bil-lejl kif ukoll kmeras termali, kif ukoll sensuri tal-moviment u sismiċi. Iċ-ċentri reġjonali jimmonitorjaw is-sistema, u jittrażmettu allarmi ġġenerati awtomatikament liċ-ċentri lokali ta' koordinazzjoni għad-dispaċċ tal-pattulji. Dan jindividwa b'mod effettiv qsim mhux awtorizzat, jippermetti monitoraġġ f'ħin reali u jtejjeb il-ħinijiet ta' rispons tal-għassa.** [*Il-Polonja, 2024*]
- **Il-Gwardja nazzjonali tal-fruntiera tuża sistema tal-IT għall-ippjanar, il-koordinazzjoni u r-rappurtar ta' azzjonijiet operazzjonali, li sservi bħala pjattaforma unika biex jiżdied il-kontroll ġenerali effiċjenti tal-fruntieri esterni. Is-sistema għandha diversi moduli li jippermettu lill-utent jissejvja u jikkondividi informazzjoni dwar avvenimenti, juri avvenimenti fuq mappa, jippjana pattulji u skedi tax-xogħol, juri l-pożizzjoni tal-unitajiet operazzjonali f'ħin reali u jittrażmetti r-rapporti.** [*Il-Polonja, 2024*]

Bażi tad-data nazzjonali għas-sorveljanza fil-fruntieri:

- Il-kunċett ta' sorveljanza fil-fruntieri nazzjonali huwa bbażat fuq bażi tad-*data* nazzjonali komprensiva u effiċjenti, li tgħaqqad il-funzjonalitajiet rilevanti kollha biex tappoġġa l-kompiti operazzjonali u tattiki. Din is-sistema ssegwi l-elementi kollha taċ-ċiklu operattiv tas-sorveljanza fil-fruntieri: l-għoti ta' appoġġ għall-ġbir ta' informazzjoni, ir-rapportar dwar l-eżitu tattiku u operazzjonali tal-attivitajiet, l-ippjanar tal-bidliet, il-ġestjoni u l-koordinazzjoni tal-pattulji u t-tfassil ta' rispons effiċjenti ta' reazzjoni fuq il-post u l-għoti ta' għarfien koerenti tas-sitwazzjoni. Is-software jipprovdi pjattaforma ta' servizz waħda għall-infurzar tal-liġi kollha u b'hekk jiżgura l-użu effettiv tar-riżorsi f'każ ta' emerġenza u l-benefiċċji tal-kompilazzjoni tal-istampa tas-sitwazzjoni f'oqsma magħżula ta' responsabbiltà. Is-software huwa marbut mal-funzjonijiet tal-ambjent mobbli tal-IT tal-pattulja skjerata fuq il-post. Abbażi tad-disinn komprensiv u koerenti tagħha, is-sistema tista' titħaddem fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali. [*L-Estonja, 2023*]

RITORN

L-effettività tas-sistema ta' ritorn nazzjonali

Proċeduri ta' ritorn

- Il-prattika li jittieħdu deċiżjonijiet dwar ir-ritorn, it-tneħħija u l-projbizzjoni fuq id-dħul f'pass wieħed tnaqqas il-piż amministrattiv filwaqt li d-drittijiet proċedurali tal-persuni ripatrijati jiġu rrispettati bis-sħiħ. [*L-Awstrija, 2015*]
- Il-proċedura tan-notifika tal-“intenzjoni li tinħareġ projbizzjoni fuq id-dħul” meta jiġi identifikat soġġorn irregolari matul il-kontrolli tal-ħruġ, tagħti liċ-ċittadin ta' pajjiż terz l-opportunità li jqajjem oġġezzjonijiet, tippermetti lill-awtoritajiet joħorġu projbizzjoni fuq id-dħul mingħajr ma jinterrompu t-tluq taċ-ċittadin ta' pajjiż terz filwaqt li tirrispetta d-drittijiet taċ-ċittadin ta' pajjiż terz. [*In-Netherlands, 2021*]
- **L-awtoritajiet nazzjonali żviluppaw avviż dwar l-assistenza disponibbli għar-riintegrazzjoni, li għandu jiġi ffirmat minn ċittadini ta' pajjiżi terzi wara l-konsultazzjoni. Dan jinħażen mal-fajls tal-każijiet tagħhom, u b'hekk tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni mal-konsulenti tar-ritorn fiċ-ċentri ta' detenzjoni.** [*Il-Kroazja, 2024*]
- **Rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa minn Stati Membri oħrajn. Jekk jinstab ċittadin ta' pajjiż terz mingħajr dritt ta' soġġorn u jkollu deċiżjoni ta' ritorn maħruġa minn pajjiż ieħor tal-UE, l-awtoritajiet nazzjonali jirrikonoxxu u jinfurzaw din id-deċiżjoni mingħajr dewmien. Huma mhux se joħorġu deċiżjoni ta' ritorn ġdida jew jikkuntattjaw lill-pajjiż emittenti iżda minflok, jiproċedu bit-tneħħija tal-individwu lejn il-pajjiż ta' ritorn tiegħu, wara li ssir, fejn ġustifikat, valutazzjoni aġġornata.** [*Iċ-Ċekja, 2024*]

Proċedura ta' ritorn furzat

- Hemm proċeduri fis-seħħ li jippermettu lill-awtoritajiet jieħdu deċiżjoni rapida dwar applikazzjoni għall-ażil sussegwenti ppreżentata matul il-proċess tat-tneħħija biex jevitaw il-posponiment jew id-dewmien tat-tneħħija ta' ċittadin ta' pajjiż terz filwaqt li jirrispettaw il-prinċipju ta' *non-refoulement*. [*In-Netherlands, 2015*]

Ritorn volontarju

- Matul il-proċess kollu tar-ritorn, ir-ritorn volontarju huwa prijorità għall-awtoritajiet nazzjonali. Hemm approċċ proattiv biex jimmotiva liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għat-tluq volontarju matul l-istadji kollha tal-proċedura, b'mod partikolari fiċ-ċentri ta' detenzjoni. Iċ-ċentri ta' detenzjoni jitqiesu li jwasslu għall-promozzjoni tar-ritorn volontarju, bil-manigġers tal-każijiet u l-awtoritajiet attivament jimmotivaw liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi biex jitolqu mill-pajjiż volontarjament, filwaqt li jipprovdu akkomodazzjoni u appoġġ adegwati. [*In-Netherlands, 2021*]

- L-involvement bikri mal-persuni rimpatrijati meta jiġu promossi r-ritorn/it-tluq volontarju u l-possibbiltà li persuna rimpatrijata tipparteċipa fi skema ta' ritorn volontarju fi kwalunkwe punt tal-proċess ta' ritorn, jippromwovi u jżid l-użu tar-ritorn volontarju u r-riintegrazzjoni bħala parti integrali minn sistema komuni tal-UE għar-ritorn f'konformità mal-istrateġija tal-UE dwar ir-ritorn volontarju u r-riintegrazzjoni. [Il-Lussemburgu, 2016] [*Id-Danimarka, 2022*]

Sistema tal-IT

- Is-sistema nazzjonali tal-IT ta' ġestjoni tal-każijiet ta' ritorn, li ġiet żviluppata f'konformità mal-mudell tal-Frontex (RECAMAS), tipprovdli lill-awtoritajiet relatati mar-ritorn b'għodda effiċjenti u integrata, li tiffavorixxi l-ġestjoni effettiva tal-każijiet ta' ritorn. [*L-Italja, 2021*; [**L-Estonja 2023**]
- Il-konnessjoni tas-sistema nazzjonali ta' ġestjoni tal-każijiet ta' migrazzjoni mal-modulu tat-titjiriet charter tal-applikazzjoni tar-ritorn tal-Frontex (FAR) tippermetti lill-awtoritajiet nazzjonali jilħqu direttament l-operazzjonijiet kollha tan-noleġġ organizzati bl-appoġġ tal-Frontex, u tgħinjom jorganizzaw u jipparteċipaw f'operazzjonijiet ta' ritorn b'mod aktar effiċjenti. [*L-Awstrija, 2020*]

Detenzjoni għall-fini ta' tneħħija

Ċentri ta' detenzjoni

- Kamra għat-tfal fil-faċilitajiet ta' reġistrazzjoni għall-barranin tipprovdli ambjent xieraq u ta' stimulu għat-tfal. Is-siġhat twal ta' ftuħ u l-aċċessibbiltà mingħajr restrizzjonijiet, il-preżenza ta' ħaddiem soċjali u l-għadd kbir ta' loġħob u attivitajiet disponibbli jagħmluha attraenti għall-użu tat-tfal. [*Il-Litwanja, 2018*]
- Iċ-ċentri tal-familja u l-faċilitajiet psikjatriċi mmirati jistgħu jaqdu l-ħtiġijiet partikolari ta' persuni vulnerabbli f'detenzjoni. It-tqassim, l-attivitajiet u l-impenn tal-persunal taċ-ċentru tal-familja jippermettu li l-ħajja tal-familja tkun kemm jista' jkun qrib in-normal u jipprovdu ambjent xieraq u stimulanti għall-familji u għall-minorenni mhux akkumpanjati. Il-faċilità psikjatrika tipprevedi kooperazzjoni mill-qrib bejn is-sħab rilevanti biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' persuni vulnerabbli bi problemi psikoloġiċi fil-proċess ta' ritorn filwaqt li tiżdied l-effiċjenza tal-proċeduri ta' ritorn. [*In-Netherlands, 2021*]
- Il-protokolli u t-taħriġ żviluppatti tal-persunal, flimkien mad-disinn u mar-reġim jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tal-istress u tat-trauma għall-minorenni fil-proċess ta' ritorn u huma konformi mal-prinċipju tal-aħjar interessi tat-tfal. [*In-Norveġja, 2022*]
- Il-faċilitajiet għall-barranin għandhom uffiċċji tal-kura tas-saħħa mentali, li joffru liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi assistenza fi kwistjonijiet ta' saħħa mentali bħal disturb minn stress postrawmatiku u l-prevenzjoni ta' suwiċidju kif ukoll appoġġ għall-adattament taġħhom. Il-psikologi jwettqu evalwazzjoni inizjali mal-wasliet ġodda kollha u

jinfurmawhom dwar il-possibbiltajiet li jfittxu appoġġ psikoloġiku fi ħdan il-faċilità. Dan jippermetti l-identifikazzjoni bikrija ta' kwistjonijiet psikoloġiċi, li jistgħu jiggerantixxu approċċ effettiv u t-trattament ta' każijiet bħal dawn. L-uffiċċji tal-kura tas-saħħa mentali jistgħu jiġu aċċessati matul il-ħinijiet tal-uffiċċju mit-Tnejn sal-Ġimgħa wara appuntament bit-telefown jew b'formola ta' applikazzjoni. Dan jgħin biex jinħoloq ambjent miftuħ u sikur, speċjalment meta jiġu ttrattati l-vittmi tat-traffikar u persuni vulnerabbli oħra. [*Il-Litwanja, 2023*]

- **Il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fihom żoni ta' rikreazzjoni ta' barra spazjużi f'Ċentru ta' Akkoljenza, b'żona ddedikata għal-logħob fuq barra għat-tfal żgħar u żona rikreattiva għall-ħaxix għall-adulti, li toħloq atmosfera pjaċevoli bi spazju għall-privatezza. Dan itaffi r-riskju ta' kunflitt u ta' affollament eċċessiv. [*Il-Kroazja, 2024*]**
- **Ċentru ta' detenzjoni b'unità edukattiva ta' 11-il uffiċjal, li torganizza varjetà wiesgħa ta' attivitajiet edukattivi, soċjali, kulturali (b'attenzjoni għas-sensittivitajiet kulturali) u sportivi kif ukoll avvenimenti. Il-persunal huwa disponibbli għad-detenuti mit-Tnejn sas-Sibt, 12-il siegħa kuljum u l-uffiċjali jilbsu ħwejjeġ ċivili. Xi wħud minnhom għandhom sfond professjonali fl-edukazzjoni u l-psikoloġija u għandhom rwol attiv fil-prevenzjoni tal-kunflitti fiċ-ċentru. [*Il-Polonja, 2024*]**
- **Iċ-ċentri ta' detenzjoni joffru lid-detenuti kura medika estensiva mfassla għall-ħtiġijiet tagħhom. Jekk il-kura ma tkunx tista' tingħata fuq il-post, id-detenuti malajr jittieħdu barra fi kliniċi speċjalizzati. Il-Gwardja tal-Fruntiera tkopri l-ispejjeż ta' dawn it-trattamenti. F'każ ta' xi kundizzjoni serja, id-detenuti jinħelsu u jiġu ttrasferiti lejn organizzazzjonijiet speċjalizzati tal-kura. [*Il-Polonja, 2024*]**
- **Iċ-Ċentru ta' Detenzjoni jipprovdi kamra ddedikata għat-trabi, disponibbli 24/7, fejn l-ommijiet ikunu jistgħu jieħdu ħsieb it-trabi tat-twelid tagħhom f'faċilità privata u separata. Il-kamra hija mgħammra b'għamara u oġġetti essenzjali fil-kura tat-trabi. Hemm ukoll sezzjoni għall-indukrar tat-tfal, spazjata u mgħammra tajjeb, li toffri firxa wiesgħa ta' attivitajiet adattati għall-eżerċizzju, ġugarelli, u logħob. It-tfal li l-ġenituri tagħhom jinżammu fiċ-Ċentru jistgħu jżuru l-kamra tal-logħob bil-kunsens tal-ġenituri tagħhom. Fil-każ ta' tfal żgħar ħafna, iż-żjarat jistgħu jiġu ssorveljati wkoll minn wieħed mill-ġenituri tagħhom, filwaqt li jiġi żgurat ambjent sikur u ta' appoġġ għal kulħadd. [*Iċ-Ċekja, 2024*]**
- **Iċ-ċentru ta' detenzjoni implimenta firxa ta' għajnuniet viżivi, inklużi tabelli ta' orjentazzjoni, tabelli tad-direzzjoni, regoli tad-djar, u posters, li huma mfassla biex ikunu adattati għat-tfal u li jkun aċċessibbli. Dawn il-materjali fihom pittogrammi u jintwerew f'għoli u b'dehra li jkun faċli li l-minorenni jifhemhom. Barra minn hekk, is-"Sett ta' Għodod għat-Tfal" tal-Frontex, sar disponibbli b'mod wiesa' u aċċessibbli b'diversi lingwi. [*Iċ-Ċekja, 2024*]**

FRONTIERI INTERNI

Il-kooperazzjoni transfruntiera fiż-żoni tal-fruntieri interni

Il-kooperazzjoni operazzjonali mal-Istati Membri ġirien

- Pattulji tripartitiċi konġunti fuq il-ferroviji mal-ġirien tagħha. [*L-Awstrija, 2015*]
- Kull ħmistax, jitħejjew rapport ta' analiżi tal-kriminalità konġunta biannwali u rapport ta' analiżi tal-kriminalità operazzjonali bejn l-Istati Membri. Barra minn hekk, jitħejja briefing ta' kuljum b'informazzjoni dwar ir-reati mwettqa fi Stat Membru wieħed u din tiġi kondiviża mal-Istati Membri sħab. [*Il-Liechtenstein, 2015*]
- F'distrett tal-pulizija f'reġjun tal-fruntiera, hemm tim konġunt ta' analiżi. Dan jikkonsisti f'diversi aġenziji li jinkludu l-pulizija, id-dwana u l-uffiċċji kriminali tal-fruntieri. L-analiżijiet jintużaw biex jinformat id-deċiżjonijiet dwar il-kontrolli fuq il-fruntieri, il-pulizija u kwistjonijiet doganali. Ġie nnotat li r-rapporti ta' analiżi ntużaw biex l-uffiċjali jiġu mgħarrfin qabel pattulji konġunti, inkluż id-determinazzjoni tal-ġranet, il-ħinijiet u l-postijiet fejn isiru tali pattulji. Għall-portijiet awtorizzati għall-wasliet mhux ta' Schengen, jiġu kkompilati rapporti ta' kull xahar dwar l-analiżi tar-riskju. Dawn jintużaw biex jinfurmaw l-aspetti operazzjonali kif ukoll amministrattivi tal-kontrolli fuq il-fruntiera. [*Id-Danimarka, 2017*]
- Sabiex tiġi żgurata kooperazzjoni transfruntiera effettiva u mutwalizzazzjoni tar-riżorsi, l-Istati Membri ġirien iffirmaw ftehim dwar l-użu Komuni ta' Sorsi ta' Intelligence Umana Moħbija biex iwettqu operazzjonijiet ta' intelligence undercover permezz ta' grupp komuni ta' uffiċjali tal-pulizija. [*Il-Litwanja, 2018*]
- Is-sistema nazzjonali tad-data tipprovdi teptip tal-iskrin meta tibda operazzjoni u b'hekk tinforma minnufih lill-operaturi għas-segwitu meħtieġ. Din tipprovdi wkoll live feed. Il-ġeolokalizzazzjoni tal-karozzi tal-pattulja hija viżibbli wkoll fis-sistema. Kemm iċ-Ċentri ta' Kooperazzjoni tal-Pulizija kif ukoll dawk Doganali u l-SPOC għandhom aċċess dirett għaliha. [*Iċ-Ċekja, 2019*]
- Il-brigati binazzjonali konġunti għall-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u l-kuntrabandisti huma mekkaniżmi ta' kooperazzjoni internazzjonali integrati u permanenti li jippermettu lil żewġ pajjiżi ġirien jorganizzaw kontrolli bbażati fuq analiżi kondiviża tar-riskji tal-migrazzjoni. Magħmula minn għadd ugwali ta' uffiċjali miż-żewġ pajjiżi magħżula għall-ħiliet tekniċi u lingwistiċi tagħhom, dawn il-"brigati" (jew "unitajiet konġunti") stabbiliti fil-fruntiera bejn Franza u l-Ġermanja u dik bejn Franza u l-Italja huma regolati jew mill-ftehimiet ta' Prüm jew minn ftehim bilaterali. Minbarra l-organizzazzjoni ta' pattulji konġunti, il-brigati konġunti (jew l-unitajiet konġunti) jipprovdu taħriġ konġunt. Din is-sistema konġunta tal-brigati tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni bejn żewġ pajjiżi ġirien u l-koordinazzjoni ta' operazzjonijiet ta' kontroll u għalhekk għandha tiġi mħeġġa u estiża għal fruntieri oħra b' mod partikolari l-fruntiera bejn Franza u Spanja. [*Franza, 2021*]

- Fil-livell reġjonali, il-kooperazzjoni transfruntiera hija bbażata fuq protokollu amministrattivi mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ġirien, li jiġu implimentati ulterjorment permezz ta' pjanijiet ta' azzjoni annwali. Din il-kooperazzjoni Prattika tkopri analiżi konġunta tar-riskju, operazzjonijiet konġunti u pattulji, ġestjoni ta' avvenimenti speċifiċi u taħriġ konġunt. Pattulji konġunti huma pplanati fuq bażi regolari. Dan il-kunċett ta' kooperazzjoni joffroq bażi tajba għal rispons operazzjonali konġunt fil-livell reġjonali, użu komuni ta' riżorsi limitati u stampa tas-sitwazzjoni tal-kriminalità aktar komprensiva. [*L-Estonja, 2023; il-Latvja, 2023*]
- **Jittieħdu miżuri proattivi biex jiġu limitati r-riintroduzzjonijiet temporanji tal-kontrolli fil-fruntieri interni billi jsiru laqgħat regolari u mmirati mal-pajjiżi ġirien u billi jkun hemm kooperazzjoni tattika u operazzjonali fir-reġjuni tal-fruntiera. It-taħriġ transfruntier konġunt u l-eżerċizzji ta' insewiment transfruntier jiġu organizzati regolarment u l-informazzjoni bażika dwar din il-possibbiltà tinxtred permezz ta' fuljetti lill-uffiċjali tal-pulizija nazzjonali kollha. Permezz ta' network estensiv u ta' uffiċjali għolja maħtura f'kull reġjun tal-fruntiera, l-awtoritajiet tal-pulizija jinsabu f'kuntatt permanenti mal-kontropartijiet transfruntiera (interni) tagħhom. Hemm monitoraġġ, analiżi u rispons konġunti kostanti għat-theddid emerġenti. Dan jista' jiġi estiż għal pattulji, azzjonijiet, eżerċizzji, ippjanar, eċċ. konġunti meta jfeġġ jew jiżdied it-theddid għas-sigurtà. Jekk jiġu introdotti mill-ġdid il-kontrolli fil-fruntieri interni, iż-żewġ pajjiżi janalizzaw l-implimentazzjoni biex jipprevjenu okkorrenzi futuri. [*Is-Slovakkja, 2024*]**
- **Fil-livell politiku u strateġiku dan isir permezz ta' laqgħat u konsultazzjonijiet regolari kif ukoll immirati mal-pajjiżi ġirien, iżda l-enfasi ewlenija titqiegħed fuq il-kooperazzjoni tattika u operazzjonali fir-reġjuni tal-fruntiera. Jiġu organizzati taħriġ u eżerċizzji konġunti dwar l-insewiment transfruntier fuq bażi regolari flimkien mal-Istati Membri ġirien, u ssir disponibbli informazzjoni bażika dwar din il-possibbiltà permezz ta' fuljetti għall-uffiċjali tal-pulizija Slovakki kollha. Permezz tan-network estensiv tagħha ta' PCCs u billi taħtar ċerti uffiċjali għolja f'kull reġjun tal-fruntiera bħala responsabbli għall-koordinazzjoni tal-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi mal-pajjiżi ġar ("Plenipotenżjarji tal-Fruntiera"), il-Forza tal-Pulizija Slovakkja tinsab f'kuntatt permanenti mal-kontropartijiet tagħha fuq in-naħa l-oħra tal-fruntiera interna. Dan jiżgura monitoraġġ u analiżi konġunti kostanti tas-sitwazzjoni tas-sigurtà fir-reġjuni tal-fruntiera, li jippermettu l-identifikazzjoni rapida tat-theddid emerġenti u r-rispons konġunt għalih. Meta jitfaċċa jew jiżdied ċertu theddid għas-sigurtà, tiġi intensifikata l-kooperazzjoni transfruntiera fil-forma ta' pattulju konġunti, azzjonijiet konġunti, eżerċizzji konġunti, ippjanar konġunt, eċċ. Meta minkejja dawn il-miżuri preventivi, jinqalgħu każijiet fejn ir-riintroduzzjoni tal-kontrolli interni fil-fruntieri xorta tkun titqies bħala neċessarja, l-implimentazzjoni ta' dawn il-kontrolli tiġi wara analizzata b'mod konġunt miż-żewġ pajjiżi sabiex jiġu identifikati miżuri li jistgħu jittieħdu biex fil-futur ikunu jistgħu jiġu evitati. Din titqies bħala l-aħjar Prattika. [*Is-Slovakkja, 2024*]**

- **Kooperazzjoni intensifikata tal-pulizija minn Stati ġirien ta' Schengen minħabba kunċett ġdid ta' pattulja konġunta żviluppat minn ftehim tal-2023 bejn il-kwartieri ġenerali tal-pulizija nazzjonali rilevanti. Ċentru operazzjonali b'kapaċitajiet ta' kmand, kontroll u komunikazzjoni ġie stabbilit f'ċentru ta' kooperazzjoni transfruntiera tal-pulizija. Pjan operazzjonali reġjonali bbażat fuq ir-riskju jiggwida l-isforzi. Ir-rondi parteċipanti jiġu traċċati permezz ta' apparati tal-GPS u kollha jkunu konxji fejn ikunu jinsabu l-oħrajn permezz ta' apparati mobbli. Qrib il-fruntiera kondiviża ikun hemm operazzjonijiet konġunti, li jinkludu bejn 12 u 16-il pattulja mħallta fix-xahar. It-tipi ta' pattulja u t-tagħmir, bħad-droni u l-viżjoni ta' billejl, jintgħażlu skont il-pjan. Minn Ġunju 2022, ma' dawn l-operazzjonijiet ingħaqdu awtoritajiet ġirien addizzjonali ta' Schengen. [*L-Ungerija, 2024*]**

SIGURTÀ INTERNA

Strateġiji Nazzjonali dwar l-Infurzar tal-Liġi

- Kull 4 snin, il-Ministru għall-Ġustizzja u s-Sigurtà jistabbilixxi l-Aġenda tas-Sigurtà Nazzjonali b'objettivi ta' politika nazzjonali għad-dmirijiet tal-pulizija. Fuq livell reġjonali, il-gvern lokali jittraduċi l-prijoritajiet nazzjonali f'objettivi ta' politika reġjonali għall-pulizija fl-Aġenda għas-Sigurtà Reġjonali. L-aġenziji tal-infurzar tal-liġi jiskambjaw l-intelligence u l-informazzjoni biex jiġbru informazzjoni u intelligence xierqa biex jikkontribwixxu għall-Aġenda tas-Sigurtà Nazzjonali, l-Aġendi tas-Sigurtà Reġjonali u l-Valutazzjoni ta' Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata (SOCTA, Serious and Organised Crime Threat Assessment) tal-Europol. Il-Kumitati ta' Tmexxija mid-Dipartiment tar-Riċerka għandhom il-kompitu li jikkoordinaw u jimmonitorjaw il-proċedura shiġha. Briefing operazzjonali ta' kuljum jippermetti li t-timijiet differenti tal-pulizija jiġu infurmati dwar il-punti speċifiċi ta' attenzjoni fil-qasam ta' ħidma tagħhom. Dawn jintużaw pereżempju bħala punt tat-tluq għat-tfassil tal-politika fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u fl-istima tal-livelli ta' theddid li jindikaw il-probabbiltà ta' attakk terroristiku. Addizzjonalment, l-uffiċċji tar-Riċerka u l-Analiżi tas-Servizzi tal-Intelligence Reġjonali kollha jagħmlu l-valutazzjonijiet tat-theddid u s-sigurtà tagħhom stess. [*In-Netherlands, 2021*]
- L-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali ħatar prosekutur ta' kollegament għall-SPOC li ta' spiss jiġi kkonsultat dwar l-immarkar ta' allerti u mandati ta' arrest internazzjonali, investigazzjonijiet kriminali internazzjonali kumplessi u kwalunkwe każ ieħor, fejn ikun meħtieġ ir-rispons tal-prosekuzzjoni. [*Il-Portugall, 2022*]
- Kooperazzjoni mill-qrib ħafna bejn l-uffiċċjali ta' Kollegament Barrani u l-awtorità ċentrali għall-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali li jistgħu jagħtu pariri u jassistu fil-kitba ta' Ordnijiet ta' Investigazzjoni Ewropej jew talbiet għal assistenza legali reċiproka indirizzati lill-Istat Membru. [*Il-Portugall, 2022*]
- L-użu ta' għodda ta' analiżi mill-Pulizija fl-unitajiet ta' analiżi kriminali tagħha, li tippermetti l-istabiliment ta' "profili" ta' fenomeni kriminali, ibbażati fuq data operattiva, li turi lill-utent viżwalizzazzjoni interattiva ta' dan il-fenomeni, ix-xejriet, il-modi operandi u l-evoluzzjonijiet tiegħu. Minn mindu bdiet l-introduzzjoni ta' din l-applikazzjoni fl-2019, il-Pulizija estendiet b'mod sinifikanti l-għadd ta' fenomeni ta' kriminalità analizzati u ta' utenti. [*Il-Litwanja, 2023*]

L-organizzazzjoni tal-Punt Uniku ta' Kuntatt (SPOC) għall-iskambju internazzjonali ta' informazzjoni dwar l-infurzar tal-liġi

Organizzazzjoni, skambju ta' informazzjoni

- Għal koordinazzjoni aħjar tal-kooperazzjoni internazzjonali tal-pulizija, il-Pulizija ħolqot network ta' uffiċjali ta' kuntatt għall-kooperazzjoni internazzjonali tal-pulizija. Dawn jinsabu fil-kwartieri ġenerali Reġjonali kollha tal-Pulizija u fil-kwartieri ġenerali tal-Pulizija Metropolitana tal-kapital. L-uffiċjali ta' kuntatt jgħinu biex itejbu l-kwalità u jiffaċilitaw il-koordinazzjoni tat-talbiet għall-iskambju ta' informazzjoni. [*Il-Polonja, 2019*]
- Hemm fluss ta' kuljum stabbilit sew ta' rapportar ta' inċidenti kriminali mil-livelli lokali sa reġjonali u statali. Fil-prattika, rapport elettroniku dwar l-avvenimenti tal-aħħar 24 siegħa huwa disponibbli regolarment għat-tim lokali amministrattiv tal-istazzjonijiet, għal-livell reġjonali u għall-Uffiċċju Ċentrali tal-Pulizija Kriminali tal-Istat. Dan jippermetti li l-livelli kollha jieħdu deċiżjonijiet informati. [*Il-Ġermanja, 2020*]
- Is-sistema għall-koordinazzjoni tal-operazzjonijiet kontra t-terroriżmu tiġbor l-intelligence kollha mill-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet differenti tal-pulizija responsabbli għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu, ir-radikaliżmu vjolenti, il-kriminalità organizzata u serja. Is-sistema tippreżenta alternattiva adegwata, li tgħaqqad il-ġestjoni tal-informazzjoni mal-koordinazzjoni operazzjonali f'sitwazzjoni fejn l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti ma għandhomx aċċess għall-bażijiet tad-*data* ta' xulxin. [*Spanja, 2022*]
- L-iskjerament ta' uffiċjali tal-każijiet internazzjonali fil-livell reġjonali f'Dipartimenti tal-Pulizija differenti. Dawn l-uffiċjali huma parti mill-Punt Uniku ta' Kuntatt u għandhom 4 ġimgħat taħriġ dwar sistemi tal-IT fuq skala kbira, skambju ta' informazzjoni supplimentari permezz tal-kanal SIRENE, ġestjoni tal-bijometriċi u żjarat fuq il-post fl-Europol u l-Eurojust. Huma għandhom aċċess sħiħ għas-sistemi ta' ġestjoni tal-każijiet tal-Punt Uniku ta' Kuntatt, is-sistema ta' komunikazzjoni globali sigura tal-pulizija I-24/7 tal-Interpol u għandhom id-drittijiet li jintroduċu allerti tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u avviżi tal-Interpol. Huma għandhom ukoll aċċess għas-sistemi u l-permessi rilevanti ekwivalenti għal uffiċjal tal-każ marbut mal-Uffiċċju SIRENE nazzjonali u maċ-Ċentru Internazzjonali tal-Komunikazzjoni. Dan irriżulta f'għarfien espert dwar is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen disponibbli f'kull diviżjoni lokali. Barra minn hekk, l-uffiċjali tal-każijiet internazzjonali jivverifikaw kemm il-kwalità kif ukoll ir-rilevanza legali tal-informazzjoni mitluba, l-abbozzi tal-messaġġi SIENA li għandhom jintbagħtu lill-Uffiċjali ta' Kollegament fl-Europol u jipprovdu taħriġ, dwar il-kooperazzjoni internazzjonali tal-pulizija fid-Dipartiment tal-Pulizija lokali. [*Il-Finlandja, 2023*]
- **Sistema Integrata ta' Ġestjoni tal-Każijiet tintuża mill-pulizija nazzjonali biex tiffaċilita l-komunikazzjoni f'ħin reali, il-koordinazzjoni tar-riżorsi u l-assenjazzjoni tal-kompiti fiċ-ċentri ta' kmand. L-għamla tagħha li tagħmilha faċli biex tintuża tippermetti risponsi rapidi u koordinazzjoni effiċjenti f'sitwazzjonijiet dinamiċi billi tikkondividi kmandi u informazzjoni direttament ma' pattulji u unitajiet speċjalizzati. Dan itejjeb l-istat ta' tħejjija operazzjonali u s-sikurezza pubblika. Is-sistema tinkorpora wkoll sħab ewlenin mhux tal-pulizija bħad-**

Dwana, il-Brigata tat-Tifi tan-Nar u s-Servizzi ta' Ambulanza, għall-iskambju ta' informazzjoni f'ħin reali u l-allokkazzjoni koeżiva tar-riżorsi. [Iċ-Ċekja, 2024]

Organizzazzjoni

- Iċ-Ċentru tal-Intelligence u l-Analiżi tal-Kriminalità tal-Pulizija, Doganali u tal-Gwardji tal-Fruntieri permanenti huwa forma ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi li jipproduċu, fost l-oħrajn, prodotti analitiċi u ta' valutazzjoni tat-theddid komuni. [Il-Finlandja, 2018]
- Il-ħolqien ta' Uffiċċji Ċentrali, il-ġbir flimkien ta' riżorsi minn amministrazzjonijiet differenti u l-fokus fuq tip wieħed ta' kriminalità, iwassal għal riżultati operazzjonali effettivi ħafna. [Franza, 2021]
- Struttura effettiva biex tipproduċi mhux biss il-valutazzjoni tat-theddid nazzjonali iżda wkoll valutazzjonijiet iddedikati tat-theddid u tar-riskju. Din tgħaqqad il-kontroll tal-kwalità organizzat ċentralment mal-analiżi tar-rekwiżiti fil-livell reġjonali. L-unità ta' analiżi strateġika multidixxiplinari hija responsabbli għall-analiżi strateġika tal-kriminalità. L-unità tikkonsisti f'tim li jaħdem fil-livell nazzjonali u f'timijiet fuq il-post f'diversi reġjuni. Il-kontroll tal-kwalità jinżamm fil-livell ċentrali li jiżgura wkoll koerenza bejn il-prodotti analitiċi differenti. L-unità tipproduċi l-valutazzjoni annwali tat-theddid nazzjonali li tiffoka fuq gruppi ta' kriminalità organizzata. [Franza, 2021]
- Il-Memorandum ta' Qbil bejn il-pulizija u d-dwana jippermetti kooperazzjoni estensiva bejn iż-żewġ amministrazzjonijiet, li jipprevedi l-iskambju u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni rilevanti u intelligence strateġika, tattika u operazzjonali, b'mod partikolari billi jiġi ffaċilitat l-aċċess reċiproku għall-bażijiet tad-data, b'kunsiderazzjoni xierqa għad-drittijiet individwali u r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, l-iżvilupp u l-promozzjoni tal-aħjar prattiki, il-proċeduri għal kwistjonijiet operazzjonali fir-rigward ta' azzjonijiet konġunti, l-iskwadri tal-pattulji mobbli konġunti, l-iskwadri konġunti ta' investigazzjoni, l-iskwadri konġunti tal-intelligence, il-kondiviżjoni tat-tagħmir bejn is-servizzi u l-kooperazzjoni dwar l-iżvilupp, ix-xiri, l-iskjerament u l-użu tat-teknoloġija. [Ċipru, 2021]
- L-SPOC għandu grupp ta' analiżi tar-riskju responsabbli għal analiżi aktar profonda tat-talbiet nazzjonali u internazzjonali, riċevuti fl-SPOC, jiġbor informazzjoni addizzjonali fil-bażijiet tad-data disponibbli, u jipprovdi rapporti ta' analiżi dwar ix-xejriet tal-kriminalità skoperti, *modus operandi*. Ir-rapporti mbagħad jintbagħtu lill-prosekuturi u/jew lill-aġenziji tal-pulizija rispettivi għall-appoġġ tal-investigazzjonijiet rilevanti. [Il-Portugall, 2022]
- Id-Diviżjoni Internazzjonali tal-Kooperazzjoni tgħaqqad l-iskambju ta' informazzjoni operazzjonali mat-teħid ta' deċiżjonijiet strateġiċi fil-livell internazzjonali. Din id-Diviżjoni tospita l-Punt Uniku ta' Kuntatt nazzjonali għall-iskambji internazzjonali ta' informazzjoni dwar l-infurzar tal-liġi. Dan jibbenefika minn rappreżentanza kemm mill-forzi nazzjonali tal-pulizija, mill-forzi reġjonali tal-pulizija kif ukoll mid-dwana. Iż-żewġ awtoritajiet rilevanti għandhom network ta' esperti dwar il-kooperazzjoni

internazzjonali tal-pulizija, li jassistu u jagħtu pariri lill-unitajiet tal-intelligence kriminali fil-livell reġjonali dwar l-użu tal-istrumenti ta' kooperazzjoni internazzjonali tal-pulizija. L-awtoritajiet ewlenin tal-infurzar tal-liġi jħarrġu lill-esperti fuq il-kooperazzjoni internazzjonali tal-pulizija regolarment. Dawn l-esperti jiffurmaw parti mill-unità tagħhom fil-livell reġjonali u jwettqu din il-funzjoni flimkien max-xogħol ta' kuljum tagħhom. L-għarfien jiġi trażmess lin-network f'laqgħa annwali, fejn pereżempju l-Uffiċjali ta' Kollegament nazzjonali fil-Europol jiġu mistiedna bħala kelliema. Bejn dawn il-laqgħat, l-għarfien dwar proċeduri ġodda jiġi trażmess lin-network jew permezz ta' bullettini jew ta' laqgħat *ad hoc*. Addizzjonalment, l-esperti tan-network tal-awtorità jirċievu taħriġ ta' ħiliet ta' ġimgħa qabel ma jissieħbu fin-network. Dawn in-networks ta' esperti huma mod ta' limitu baxx għat-tixrid tal-għarfien dwar il-kooperazzjoni internazzjonali tal-pulizija fil-livell reġjonali. [*Spanja, 2022*]

- **L-Unità tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri nazzjonali hija integrata fl-SPOC nazzjonali, u timmaniġġja l-każijiet kollha relatati mal-PNR għal diversi awtoritajiet (il-pulizija, id-dwana, is-servizzi tal-intelligence, il-pulizija militari, l-uffiċċju tal-prosekuturi u l-qrati, eċċ.). Din l-integrazzjoni tagħmel is-sistema aktar komprensiva u ssaħħaħ ir-rwol tal-SPOC bħala ċentru ta' infurmazzjoni ġenerali għall-iskambji internazzjonali kollha ta' infurmazzjoni dwar is-sigurtà. Il-kondiviżjoni ta' sistema waħda ta' ġestjoni tal-każijiet ma' unitajiet SPOC oħra tippermetti integrazzjoni faċli u kontroverifika tal-infurmazzjoni, li twassal għal analiżi aktar komprensiva. [*Is-Slovakkja, 2024*]**

Użu ta' għodod tal-Europol għall-kooperazzjoni transfruntiera u l-iskambju ta' infurmazzjoni

- *Id-data* mis-sistema nazzjonali għall-investigazzjonijiet tal-pulizija tittella' awtomatikament fis-Sistema ta' Infurmazzjoni tal-Europol. Il-bażi tad-*data* tal-investigazzjonijiet li għaddejjin hija konnessa ma' karigatur awtomizzat tad-*data* fis-Sistema ta' Infurmazzjoni tal-Europol. Kuljum tiddaħħal infurmazzjoni ġdida, tittejjeb infurmazzjoni eżistenti u tiħassar infurmazzjoni antika. Dan il-proċess huwa kompletament awtomatizzat. L-Unità Nazzjonali tal-Europol tittratta l-hits li jseħħu bejn l-investigazzjonijiet nazzjonali u l-investigazzjonijiet barranin, diġà disponibbli fis-Sistema ta' Infurmazzjoni tal-Europol. [*In-Netherlands, 2021*]
- **Integrazzjoni tal-QUEST (Querying Europol Systems - Sistemi ta' Tfittxija tal-Europol) mas-sistema nazzjonali ta' tfittxijiet biex jitwettqu tfittxijiet fis-Sistema ta' Infurmazzjoni tal-Europol. Barra minn hekk, il-kamp ta' applikazzjoni tat-tiftix ġie estiż għall-oġġetti kollha li huma disponibbli fis-sistema u l-istess funzjonalità tat-tiftix se tkun disponibbli għad-Dwana. Dan żied l-għadd ta' tfittxijiet, u b'hekk l-Istat Membru sar it-tielet l-aktar attiv fl-użu tal-funzjonalità tat-tiftix fl-2024. [*L-Ungerija, 2024*]**